Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Diċembru 2025**
**(OR. en)**

**16348/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0381 (COD)**

**EF 400**
**ECOFIN 1675**
**CODEC 2036**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 4 ta' Diċembru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 941 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 941 final.

Mehmuż: COM(2025) 941 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.12.2025
COM(2025) 941 final

2025/0381 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali

{SEC(2025) 943 final} - {SWD(2025) 943 final} - {SWD(2025) 944 final}

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tema ċentrali ta’ dan il-mandat tal-Kummissjoni Ewropea hija li tinħoloq ekonomija Ewropea kompetittiva. Il-Boxxla għall-Kompetittività tagħtina l-viżjoni tal-Ewropa bħala xprunatur ekonomiku, destinazzjoni attraenti għall-investiment, u ċentru tal-manifattura. L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU, Savings and Investments Union) hija wieħed mill-ħames faċilitaturi orizzontali tal-Boxxla.

L-Ewropa qed tiffaċċja ħtiġijiet vasti ta’ investiment f’setturi strateġiċi bħad-difiża, l-ispazju, il-bijoteknoloġija, it-teknoloġija nadifa u l-intelliġenza artifiċjali. Ħafna drabi, in-nuqqas ta’ kapital ta’ riskju suffiċjenti jġiegħel lill-innovaturi jiddependu fuq investituri barranin, jew jirrilokaw barra minn pajjiżhom. Meta jiġri dan, l-Ewropa titlef mhux biss in-negozji, iżda wkoll indirettament l-impjiegi, il-kapaċità innovattiva, u l-abbiltà li tibni u ssostni vantaġġ kompetittiv fis-setturi ekonomiċi tal-futur.

Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni b’mod urġenti ġiet rikonoxxuta b’mod wiesa’ fl-ogħla livell politiku. Fl-2024, fuq talba tal-Kunsill Ewropew u tal-President tal-Kummissjoni Ewropea rispettivament, Enrico Letta u Mario Draghi ppreżentaw rapporti storiċi, li kull wieħed minnhom irrakkomanda miżuri biex jitjiebu l-integrazzjoni tas-suq kapitali u s-superviżjoni effiċjenti sabiex terġa’ tinkiseb il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u jiġu indirizzati l-isfidi ġeopolitiċi li qed tiffaċċja. Barra minn hekk, il-Grupp tal-Euro, il-Kunsill Ewropew, ħeġġew ukoll li jsir progress biex jinħolqu swieq kapitali Ewropej verament integrati li jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha mal-Unjoni kollha. Dan huwa objettiv kondiviż fost l-istituzzjonijiet Ewropej kollha u għandu appoġġ mifrux fl-ibliet kapitali Ewropej kollha.

Is-Summit tal-Euro ta’ Marzu 2025 enfasizza l-urġenza u r-responsabbiltà kondiviża għal progress rapidu fil-ħolqien tal-SIU. Il-Parlament Ewropew argumenta li l-integrazzjoni tas-swieq kapitali hija pilastru neċessarju tal-istrateġija ta’ investiment tal-Unjoni u jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi miżuri biex jissaħħu l-għodod ta’ konverġenza superviżorja u tinkiseb superviżjoni diretta aktar unifikata tas-swieq kapitali. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ukoll esprima l-appoġġ tiegħu għall-proġett.

Lil hinn mill-Ewropa, organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Cooperation and Development), talbu azzjoni biex jiġu indirizzati l-ostakli li fadal għall-integrazzjoni tas-suq finanzjarju tal-UE._L-interkonnessjoni tas-swieq finanzjarji nazzjonali mal-UE ġġib benefiċċji ċari u tanġibbli. Hija tisfrutta l-flussi kapitali transfruntieri, u b’hekk tagħmel l-investiment aktar effiċjenti, filwaqt li tapprofondixxi l-likwidità u tnaqqas il-kostijiet għan-negozji u għall-investituri. Hija ssaħħaħ ir-reżiljenza finanzjarja billi xxerred ir-riskji f’ġabra usa’ ta’ strumenti u swieq, u tixpruna l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni, li jwasslu għal prodotti u servizzi aħjar għaċ-ċittadini.

Sabiex tappoġġa l-objettivi tal-SIU, din il-proposta titlob li d-Direttiva 98/26/KE (id-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu jew id-DFS) tiġi kkonvertita f’Regolament. Id-DFS, li ġiet adottata fl-1998, għandha l-għan li tnaqqas ir-riskju sistemiku fis-sistemi ta’ pagament u fis-sistemi ta’ saldu tat-titoli fl-UE billi tiżgura l-finalità u l-irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta’ trasferiment ladarba jiddaħħlu f’sistema magħżula, anke fil-każ ta’ insolvenza ta’ parteċipant. Hija tipprovdi ċertezza legali dwar it-twaqqit u l-infurzabbiltà tas-saldu, tan-netting u tal-

arranġamenti kollaterali, u b'hekk tissalvagwardja l-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji. Id-DFS tistabbilixxi wkoll regoli komuni għad-deżinjazzjoni ta' sistemi u l-protezzjoni ta' kollateral iddepożitat b'konnessjoni mal-parteċipazzjoni f'tali sistemi u tiċċara liema liġi tapplika f'ċerti operazzjonijiet transfruntieri. Filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni tad-DFS huwa limitat għal sistemi rregolati mil-liġijiet ta' Stat Membru, l-Istati Membri jistgħu jestendu protezzjonijiet simili għad-DFS għal entitajiet domestiċi li jipparteċipaw f'sistemi ta' pajjiżi terzi.

Mill-adozzjoni tagħha fl-1998, id-DFS ġiet emendata sitt darbiet biex tirrifletti l-istruttura li qed tevolvi tas-swieq finanzjarji tal-UE. L-ewwel emenda,[1] fl-2009, estendiet il-protezzjonijiet tal-finalità tas-saldu għat-talbiet ta' kreditu u għar-rabtiet bejn is-sistemi ta' saldu tal-pagamenti u tat-titoli. It-tieni,[2] introdotta fl-2010, allinjat id-Direttiva[3] mal-ħolqien tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), u ċċarat ir-rwoli tas-superviżuri nazzjonali u tal-UE. It-tielet,[4] fl-2012, introduċiet aġġornamenti biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-qafas ġdid tal-UE għall-kontropartijiet ċentrali u għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Ir-raba',[5] fl-2014, aġġustat id-definizzjonijiet u r-referenzi sabiex id-DFS tiġi allinjata mar-reġim armonizzat ta' saldu tat-titoli tal-UE. Il-ħames,[6] fl-2019, irfinat id-dispożizzjonijiet relatati mal-parteċipanti ta' pajjiżi terzi u l-interoperabbiltà tas-sistema biex tiġi żgurata l-kontinwità fil-każ ta' riżoluzzjoni bankarja. L-aktar reċenti, fl-2024, is-sitt emenda[7] espandiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-parteċipanti eliġibbli biex jinkludi fornituri ta' servizzi ta' pagament mhux bankarji, filwaqt li mmodernizzat il-qafas biex jirrifletti l-bidliet fl-infrastruttura tal-pagamenti bl-imnut tal-UE.

Fl-2023, il-Kummissjoni ppubblikat Rapport dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu. F'dak iż-żmien, ir-Rapport ikkonkluda li d-DFS taħdem tajjeb u li ma huwa meħtieġ l-ebda tiġdid maġġuri tad-Direttiva. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat l-impatt ta' teknoloġiji ġodda, in-nuqqas ta' ċertezza legali li jiġġenera kostijiet addizzjonali għall-parteċipanti fis-suq u d-differenzi fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-DFS mill-Istati Membri li joħolqu diffikultajiet u kostijiet f'sitwazzjonijiet transfruntieri.

---

1 Ara d-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar il-finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu (Test b'rilevanza għaż-ŻEE); ĠU L 146, 10.6.2009, pp. 37–43. ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/44/oj

2 Ara d-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ĠU L 331, 15.12.2010, pp. 120–161, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/78/oj .

3 Ara d-Direttiva 2010/78/UE.

4 Ara l-emendi relatati introdotti permezz tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tas-Suq Ewropew jew l-EMIR - European Market Infrastructure Regulation).

5 Ara l-emendi relatati introdotti permezz tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 (ir-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli jew is-CSDR - Central Securities Depository Regulation).

6 Ara l-emendi relatati introdotti permezz tad-Direttiva (UE) 2019/879 (id-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek II jew il-BRRD II).

7 Ara l-emendi relatati introdotti permezz tar-Regolament (UE) 2024/886 (ir-Regolament dwar il-Pagamenti Istantanji).

Madankollu, id-DFS kellha rwol ċentrali fl-iżgurar tal-istabbiltà u ċ-ċertezza legali għas-sistemi ta' saldu tal-pagamenti u tat-titoli fl-UE billi pproteġiet l-ordnijiet ta' trasferiment u l-arranġamenti ta' netting mill-effetti tal-insolvenza. Minkejja dan, it-traspożizzjoni nazzjonali tagħha rriżultat f'diverġenzi sinifikanti li jimminaw l-effettività tagħha fit-trawwim ta' xenarju Ewropew koerenti u integrat ta' wara l-kummerċ. L-Istati Membri adottaw approċċi differenti għad-deżinjazzjoni tas-sistemi, u b'hekk ħolqu inkonsistenzi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni disponibbli għall-parteċipanti. Bl-istess mod, id-definizzjonijiet u t-trattament tal-parteċipanti u tal-parteċipanti indiretti jvarjaw ħafna, u dan iwassal għal inċertezza dwar min jibbenefika mill-protezzjonijiet tal-finalità tas-saldu. Hemm ukoll differenzi fit-tipi ta' titoli li jikkwalifikaw għall-protezzjoni, b'xi ġuriżdizzjonijiet japplikaw interpretazzjonijiet stretti li jillimitaw il-kopertura, filwaqt li oħrajn jadottaw kriterji usa'.

Aktar inkonsistenzi jirrigwardjaw il-mument tal-finalità tas-saldu, fejn l-Istati Membri jvarjaw fid-determinazzjoni tal-punt preċiż li fih l-ordnijiet ta' trasferiment isiru irrevokabbli u protetti minn proċedimenti ta' insolvenza – kwistjoni li hija partikolarment problematika għas-saldi transfruntieri li jinvolvu diversi sistemi. Regoli diverġenti dwar il-kunflitt tal-liġijiet u t-trattament tal-entitajiet tal-UE li jipparteċipaw f'sistemi ta' pajjiżi terzi jkomplu jikkumplikaw il-kwistjonijiet, u joħolqu inċertezza dwar liema reġim legali jirregola l-finalità fi tranżazzjonijiet multiġuriżdizzjonali. Barra minn hekk, il-prattiki ta' deżinjazzjoni u l-livelli ta' trasparenza jvarjaw fost l-Istati Membri, b'xi wħud jipprovdu informazzjoni pubblika limitata dwar is-sistemi deżinjati u l-parteċipanti tagħhom, u dan ifixkel iċ-ċarezza legali u l-fiduċja fis-suq. Dawn id-diverġenzi kollettivament idgħajfu l-intenzjoni ta' armonizzazzjoni tad-DFS, jintroduċu riskji legali u operazzjonali għas-saldu transfruntier, u jxekklu l-effiċjenza u l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tal-UE. Barra minn hekk, kemm id-DFS kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati fid-Direttiva 2002/47/KE (id-Direttiva dwar il-Kollateral Finanzjarju jew id-DKF) ma għandhomx newtralità teknoloġika sħiħa, billi d-dispożizzjonijiet tagħhom ġew abbozzati b'kunsiderazzjoni ta' sistemi tradizzjonali bbażati fuq il-kontijiet. Dan joħloq inċertezza legali għall-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT, distributed ledger technology) u forom tokenizzati ta' flus jew titoli, li jistgħu ma jaqgħux b'mod ċar fid-definizzjonijiet eżistenti ta' "ordnijiet ta' trasferiment", "titoli", jew "sistemi ta' saldu", u b'hekk jillimitaw l-innovazzjoni u l-konsistenza fl-applikazzjoni tagħhom.

Il-konverżjoni tad-DFS f'Regolament u l-aġġornament tad-definizzjonijiet ta' kunċetti ewlenin isaħħu ċ-ċertezza legali, il-konsistenza u l-integrazzjoni tas-suq mal-UE. Ir-Regolament għandu wkoll l-għan li jiżgura newtralità teknoloġika suffiċjenti biex jgħin fl-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, bħad-DLT, biex iġib soluzzjonijiet effiċjenti fis-suq, filwaqt li jiżgura li r-riskji jittaffew kif xieraq. Barra minn hekk, l-armonizzazzjoni ulterjuri tallinja ma' inizjattivi usa' tal-UE bħall-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, u b'hekk trawwem il-fiduċja tal-investituri u ttejjeb ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekosistema ta' wara l-kummerċ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta tikkonverti d-DFS f'Regolament (ir-Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu jew ir-RFS). Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, il-proposta tistabbilixxi b'mod aktar preċiż kwistjonijiet relatati mal-protezzjonijiet mogħtija mid-DFS biex jinkiseb approċċ armonizzat mal-UE kollha. Dan huwa relatat b'mod partikolari ma': (i) iċ-ċertezza legali għall-innovazzjoni diġitali; (ii) ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet; (iii) il-parteċipazzjoni ta' entitajiet tal-UE f'sistemi ta' pajjiżi terzi; (iv) il-kamp ta' applikazzjoni tal-parteċipanti; (v) il-kamp ta' applikazzjoni tat-titoli eliġibbli; (vi) il-prattiki ta' deżinjazzjoni għas-sistemi tal-UE; (vii) it-trasparenza; u (viii) il-mumenti ta' finalità tas-saldu.

Billi l-ħlas u s-saldu tat-tranżazzjonijiet tat-titoli jinsabu fil-qalba tas-swieq kapitali, il-bidliet leġiżlattivi proposti jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' xenarju aktar sikur u effiċjenti tal-postnegozjar fl-UE, f'konformità mal-objettivi tal-SIU. Barra minn hekk, billi jiċċara d-definizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fih, ir-RFS jappoġġa l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda. B'mod ġenerali, ir-RFS inaqqas ir-riskju sistemiku assoċjat mal-parteċipazzjoni f'sistemi ta' saldu tal-pagamenti u tat-titoli, u b'mod partikolari r-riskju marbut mal-insolvenza ta' parteċipant f'sistemi bħal dawn. Sistemi ta' pagament u sistemi ta' saldu tat-titoli li jiffunzjonaw tajjeb, bħal dawk imħaddma minn depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs, central securities depositories) jiżguraw li t-tranżazzjonijiet ta' pagamenti u titoli jkunu jistgħu jsiru b'mod sikur u b'ċertezza. Dan huwa pedament importanti għas-settur finanzjarju u b'hekk għall-SIU. B'dan il-mod, ir-RFS huwa komplementari għal regolamenti oħrajn li jikkostitwixxu l-ambjent tal-postnegozjar, jiġifieri s-CSDR, id-DKF u l-EMIR.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tikkomplementa l-aġenda usa' tal-Kummissjoni sabiex is-swieq kapitali tal-UE jsiru aktar kompetittivi u reżiljenti. Ambjent kompetittiv u effiċjenti tal-postnegozjar, li s-sistemi ta' saldu u ta' pagament tiegħu huma karatteristika ċentrali, huwa element essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-SIU. Suq integrat u li jiffunzjona bis-sħiħ għall-kapital se jippermetti lill-ekonomija tal-UE tikber b'mod sostenibbli u tkun aktar kompetittiva, f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni, iffokati fuq il-ħolqien tal-kundizzjonijiet it-tajbin għall-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-kompetenza li jadottaw miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li jirrigwardjaw l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern. L-Artikolu 114 tat-TFUE jippermetti li l-UE tieħu miżuri mhux biss biex telimina l-ostakli kurrenti għall-eżerċitar tal-libertajiet fundamentali, iżda wkoll biex tipprevjeni li jitfaċċaw ostakli bħal dawn, inklużi dawk li jagħmluha diffiċli għall-operaturi ekonomiċi, inklużi l-investituri, biex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-benefiċċji tas-suq intern.

Bħalissa, soluzzjonijiet effettivi biex jiġi żgurat il-forniment transfruntier ta' servizzi f'dawn is-setturi huma jew assenti jew imfixkla minn regoli nazzjonali differenti li jimplimentaw l-atti legali tal-UE. Barra minn hekk, ir-regoli tal-UE jeħtieġ li jiġu aġġornati biex jiġi ffaċilitat aħjar il-forniment ta' servizzi finanzjarji bl-użu ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari d-DLT, li jistgħu jtejbu l-effiċjenza tas-suq kapitali. Id-diverġenzi fit-traspożizzjoni tad-DFS mill-Istati Membri jaggravaw dawn il-kwistjonijiet.

Din il-proposta tappoġġa l-funzjonament korrett u sikur tas-suq uniku, tissalvagwardja l-kompetizzjoni u tippreserva l-inċentivi għall-innovazzjoni. Konsegwentement, il-bażi legali xierqa hija l-Artikolu 114 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà previst fl-Artikolu 5(3) tat-TUE, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni għandha tittieħed biss meta l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod

suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u jistgħu, minħabba l-iskala tal-effetti tal-azzjonijiet proposti, jintlaħqu aħjar mill-UE.

Id-DFS għandha l-għan li tnaqqas ir-riskju sistemiku li jinħoloq mill-insolvenza tal-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tal-pagamenti u tat-titoli. Hija tagħmel dan billi tistipula l-protezzjonijiet għall-irrevokabbiltà u l-finalità tal-ordnijiet ta' trasferiment imdaħħlin f'sistema ta' pagament jew ta' saldu. It-traspożizzjoni tad-DFS tħalliet f'idejn l-Istati Membri, u din wasslet għal applikazzjoni u interpretazzjoni diverġenti fis-sistemi ta' pagament u ta' saldu magħżula fl-UE. Dan joħloq frizzjonijiet fl-operazzjonijiet transfruntieri u jimmina l-integrazzjoni tas-suq kapitali tal-UE.

Il-konverżjoni tad-DFS f'Regolament se tippermetti approċċ aktar konsistenti u omoġenju mal-UE kollha.

- **Proporzjonalità**

Il-konverżjoni proposta tad-DFS f'Regolament – flimkien mal-emendi mmirati għad-dispożizzjonijiet sostantivi tagħha – għandha titqies bħala proporzjonata u meħtieġa biex tgħin jintlaħqu l-objettivi tal-SIU. Il-frammentazzjoni u d-diverġenzi fl-applikazzjoni tar-regoli dwar il-finalità tas-saldu mal-Istati Membri ilhom ostaklu għall-attività finanzjarja transfruntiera. It-traspożizzjonijiet diverġenti ta' definizzjonijiet u kunċetti ewlenin, prattiki nazzjonali inkonsistenti fid-deżinjazzjoni tas-sistemi u d-determinazzjoni tal-mument tal-finalità joħolqu inċertezza legali u riskju operazzjonali u legali addizzjonali f'operazzjonijiet transfruntieri. Regolament jarmonizza direttament dawn ir-regoli, filwaqt li jiżgura applikazzjoni konsistenti mal-Unjoni kollha u jiffaċilita operazzjonijiet finanzjarji b'inqas xkiel u aktar prevedibbli. B'dan il-mod, il-proposta tappoġġa wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-SIU, dak ta' suq uniku aktar integrat u effiċjenti għat-tfaddil u għall-investiment.

Bħala Regolament, id-dispożizzjonijiet dwar il-finalità tas-saldu ma jimponux piżijiet sproporzjonati fuq il-parteċipanti fis-suq jew l-awtoritajiet. Minflok, Regolament jelimina l-isforzi legali u ta' konformità duplikati li bħalissa jirriżultaw min-navigazzjoni ta' 27 traspożizzjoni u interpretazzjoni differenti tad-DFS. L-uniformità legali miksuba permezz ta' Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu tissimplifika l-parteċipazzjoni f'sistemi multipli, tnaqqas il-kostijiet marbuta mad-diliġenza dovuta legali, u ssaħħaħ iċ-ċertezza legali, speċjalment f'sitwazzjonijiet transfruntieri u fil-każ ta' parteċipazzjoni f'sistemi ta' pajjiżi terzi. Fl-aħħar nett, l-emendi marbuta mal-iżgurar tan-newtralità teknoloġika jippermettu ċertezza legali akbar fil-każ li s-sistemi u l-assi jkunu sostnuti minn teknoloġiji ġodda, u b'hekk titnaqqas il-ħtieġa għal xogħol legali li jiswa ħafna flus biex tiġi żgurata l-konformità regolatorja.

- **Għażla tal-istrument**

Id-DFS tippermetti t-traspożizzjoni nazzjonali, li wasslet għal interpretazzjonijiet u applikazzjonijiet diverġenti fost l-Istati Membri – b'mod partikolari fir-rigward tad-deżinjazzjoni tas-sistemi, il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni għall-kollateral, u t-trattament tal-parteċipanti transfruntieri. L-approċċi nazzjonali diverġenti jikkawżaw inċertezza legali, jipprevjenu l-integrazzjoni tas-suq u jinibixxu t-tranżazzjonijiet transfruntieri. Regolament ikun direttament applikabbli, u b'hekk jelimina dawn id-diskrepanzi u jiżgura li l-istess regoli japplikaw b'mod uniformi mal-Unjoni kollha. Dan inaqqas ir-riskju legali u l-kumplessità għall-parteċipanti fis-suq li joperaw f'ġuriżdizzjonijiet multipli, jappoġġa saldu transfruntier aktar effiċjenti u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi. B'hekk, huwa xieraq u meħtieġ li d-DFS titħassar u tiġi sostitwita b'Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2023, il-Kummissjoni ppubblikat rieżami[8] tal-finalità tas-saldu fis-sistemi ta' saldu tal-pagamenti u tat-titoli, inkluża l-applikazzjoni tiegħu għall-istituzzjonijiet domestiċi li jipparteċipaw f'sistemi ta' pajjiżi terzi. Għalkemm ir-rieżami kkonkluda li d-DFS ħadmet tajjeb u ma deher li kien ġustifikat l-ebda tiġdid maġġuri, huwa indika wkoll li l-impatti ta' teknoloġija ġdida, kif ukoll in-nuqqas ta' ċertezza legali f'ċerti oqsma wasslu għal kostijiet addizzjonali potenzjali għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji. Huwa nnota wkoll li livell aktar baxx ta' armonizzazzjoni jħalli diskrezzjoni konsiderevoli fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni lill-Istati Membri u jista' joħloq diffikultajiet f'sitwazzjonijiet transfruntieri.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-partijiet ikkonċernati matul il-proċess kollu tat-tħejjija ta' din il-proposta, b'mod partikolari:

- Konsultazzjoni pubblika[9] dwar it-tħaddim tad-DFS, li ġiet organizzata bejn it-12 ta' Frar 2021 u s-7 ta' Mejju 2021. 72 parti kkonċernata wieġbu għall-konsultazzjoni mmirata. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni u ċertezza legali dwar kif japplikaw ir-regoli tal-insolvenza tal-Istati Membri għall-parteċipanti tal-UE f'sistemi ta' pajjiżi terzi tqajjem minn ħafna rispondenti. Kien hemm ukoll qbil ġenerali li s-CSDs jiżdiedu mal-lista ta' parteċipanti (diretti) eliġibbli f'sistemi rregolati mil-liġi ta' Stat Membru.
- Workshop għall-partijiet ikkonċernati[10] dwar l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għall-integrazzjoni tal-infrastruttura tas-suq u ż-żieda fil-fondi ta' investiment fl-UE fis-26 ta' Settembru 2024. L-avveniment kien jinkludi bord dwar il-postnegozjar, li esplora l-benefiċċji u l-isfidi potenzjali tal-konsolidazzjoni tal-postnegozjar, kif ukoll ix-xenarju regolatorju.
- Bejn il-15 ta' April 2025 u l-10 ta' Ġunju 2025 ġiet organizzata konsultazzjoni mmirata[11] dwar l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE. Fir-rigward tad-DFS, xi rispondenti qiesu li d-Direttiva ħadmet tajjeb, u ma kienet meħtieġa l-ebda modifika, ħlief għal xi kjarifiki rigward l-applikazzjoni tagħha għal sistemi bbażati fuq id-DLT. Madankollu, rispondenti oħrajn appoġġaw il-konverżjoni tad-DFS f'Regolament biex tiġi indirizzata l-implimentazzjoni inkonsistenti tad-DFS fl-UE. Ir-rispondenti enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal gwida aktar ċara dwar ir-regoli dwar il-kunflitt tal-liġi, kif ukoll biex tiġi indirizzata l-inċertezza rigward il-protezzjoni tal-parteċipanti indiretti u l-estensjoni tal-protezzjoni

---

8 Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-finalità tas-saldu fis-sistemi ta' saldu tal-pagamenti u titoli, inkluża l-applikazzjoni tagħha għall-istituzzjonijiet domestiċi li jipparteċipaw f'sistemi ta' pajjiżi terzi u ta' arranġamenti finanzjarji kollaterali skont id-Direttivi 98/26/KE u 2002/47/KE, COM(2023) 345 final.

9 Ir-Rapport fil-qosor tal-konsultazzjoni mmirata dwar ir-rieżami tad-Direttiva dwar il-finalità tas-saldu fis-sistemi ta' saldu tal-pagamenti u tat-titoli, it-12 ta' Frar 2021 – is-7 ta' Mejju 2021. Ara: https://finance.ec.europa.eu/system/files/2023-06/2021-settlement-finality-review-summary-of-responses_en_0.pdf.

10 Għal sommarju tal-avveniment ara: https://finance.ec.europa.eu/events/roundtables-consolidation-identifying-and-addressing-barriers-integration-market-infrastructure-and-2024-09-26_en.

11 Għal lista sħiħa ta' kontribuzzjonijiet, jekk jogħġbok żur: https://finance.ec.europa.eu/regulation-and-supervision/consultations-0/targeted-consultation-integration-eu-capital-markets-2025_en.

għall-parteċipanti f'sistemi ta' pajjiżi terzi u għal sistemi bbażati fuq id-DLT. Diversi rispondenti nnotaw li l-qafas kurrenti tad-DFS kien ristrett wisq u li approċċ aktar komprensiv ikun ta' benefiċċju (eż. it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-parteċipanti eliġibbli). Xi rispondenti ssuġġerew li l-protezzjoni tad-DFS għandha tiġi estiża għal attivitajiet b'rabta ma' kwalunkwe assi, mhux biss flus kontanti u titoli, u li d-definizzjoni ta' "sistema" għandha titwessa' biex tinkludi aktar tipi ta' sistemi. Barra minn hekk, xi rispondenti indikaw li l-informazzjoni dwar kull sistema magħżula għandha tiġi ppubblikata sabiex il-mumenti ta' finalità tas-saldu fi ħdan id-DFS ikunu armonizzati, u għandhom jiġu pprovduti definizzjonijiet aktar ċari ta' "sigurtà kollaterali" u "kollateral finanzjarju" fid-DKF. In-nuqqas ta' allinjament ta' dawn id-definizzjonijiet issemma minn aktar minn nofs ir-rispondenti bħala li joħloq kumplessitajiet għall-ġestjoni effiċjenti tal-kollateral.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Fit-tħejjija tal-proposta, il-Kummissjoni straħet fuq l-għarfien espert estern u d-data mis-sorsi li ġejjin:

- F'Settembru 2025, il-Grupp Konsultattiv dwar l-Infrastrutturi tas-Suq għat-Titoli u l-Kollateral (AMI-SeCo)[12] ippubblika rapport[13] dwar l-ostakli li fadal għall-integrazzjoni fis-servizzi ta' postnegozjar tat-titoli. Ir-rapport jinnota li għalkemm il-miżuri regolatorji tal-UE neħħew l-ostakli (inklużi l-kwistjonijiet ta' finalità), il-frizzjonijiet jibqgħu minħabba implimentazzjonijiet jew interpretazzjonijiet nazzjonali differenti.

- Studju dwar it-tnaqqis tal-frammentazzjoni fl-infrastrutturi tal-postnegozjar fl-Ewropa, ikkummissjonat[14] mill-Kummissjoni Ewropea f'Settembru 2024. L-istudju[15] kien ibbażat fuq informazzjoni u data disponibbli għall-pubbliku, iżda kien jinkludi wkoll 98 intervista strutturata ma' 76 istituzzjoni minn 21 pajjiż Ewropew, inklużi infrastrutturi tas-suq finanzjarju, parteċipanti fis-suq u korpi superviżorji u ta' politika. L-istudju jinnota d-definizzjoni tal-finalità tas-saldu bħala wieħed mill-oqsma fejn id-diverġenza tal-Istati Membri fl-interpretazzjoni u fl-implimentazzjoni taġixxi bħala ostaklu għall-integrazzjoni tas-suq kapitali. Barra minn hekk, l-istudju jirrakkomanda li d-DFS tiġi kkonvertita f'Regolament minħabba li dan jiżgura applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar il-finalità tas-saldu, inaqqas ir-riskju legali u jsaħħaħ il-pedament ta' infrastrutturi tas-suq interoperabbli u konsolidati.

---

12 L-AMI-SeCo huwa grupp konsultattiv li jagħti pariri lill-Eurosistema dwar kwistjonijiet relatati mal-ikklerjar u s-saldu ta' titoli u mal-ġestjoni tal-kollateral. Huwa ppresedut mill-Bank Ċentrali Ewropew, bil-Kummissjoni Ewropea bħala osservatur.

13 "Remaining barriers to integration in securities post-trade services – Issues and recommendations", Grupp Konsultattiv dwar l-Infrastrutturi tas-Suq għat-Titoli u l-Kollateral, Settembru 2025. Ara: https://www.ecb.europa.eu/press/intro/publications/pdf/ecb.amiseco202509_barriersmarketintegration.en.pdf

14 Ara l-offerta 364479-2024 ippubblikata fil-ĠU S 119/2024 fl-20 ta' Ġunju 2024 għad-deskrizzjoni tal-istudju.

15 "Study on consolidation and reducing fragmentation in trading and post-trade infrastructures in Europe", Bourse Consult & Civitta, [għadu ġej].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija appoġġata minn Valutazzjoni tal-Impatt, speċifikament l-anness settorjali dwar il-postnegozjar (l-Anness 8) għall-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-inizjattiva dwar l-integrazzjoni tas-suq u s-superviżjoni fis-swieq kapitali tal-UE.

Fir-rigward ta' emendi potenzjali għad-DFS, il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkunsidrat tliet għażliet:

- Għażla 1 – Ma jsir xejn;
- Għażla 2 – Riżami komprensiv tad-DFS biex jissaħħaħ il-funzjonament tal-infrastruttura tas-suq;
- Għażla 3 – Riżami estensiv tad-DFS biex jiġi impost suq integrat.

L-Għażla 2 u l-Għażla 3 jassumu li d-DFS tiġi kkonvertita f'Regolament. Madankollu, l-għażliet ivarjaw fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjonijiet li kienu jingħataw mir-RFS. Il-modalitajiet li jikkostitwixxu l-Għażla 2 u l-Għażla 3 huma spjegati hawn taħt:

| | **Għażla 2** | **Għażla 3** |
|---|---|---|
| **Ċertezza legali għall-innovazzjoni diġitali** | Bidliet fid-definizzjonijiet u l-kunċetti, jiġifieri "sistema", "parteċipant" u "istituzzjoni", sabiex isiru kompatibbli mad-DLT u b'hekk ċerti sistemi bbażati fuq id-DLT jitħallew jibbenefikaw minn protezzjonijiet ta' finalità tas-saldu. | Id-dispożizzjonijiet kollha tal-Għażla 2, flimkien mal-espansjoni taċ-ċertezza legali għal aspetti oħrajn taż-żamma tat-titoli, kif ukoll l-armonizzazzjoni ulterjuri tad-deżinjazzjoni tas-sistemi fejn dawn jitħaddmu bl-użu tad-DLT. |
| **Regoli applikabbli għall-kunflitt tal-liġi** | Jiġu ċċarati r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġi eżistenti fid-DFS sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati direttament, inkluż fil-kuntest ta' sistemi bbażati fuq id-DLT u titoli tokenizzati. | Ir-regola applikabbli dwar il-kunflitt tal-liġijiet tkun irregolata mill-Konvenzjoni ta' The Hague dwar il-liġi applikabbli għal ċerti drittijiet fir-rigward ta' titoli miżmuma ma' intermedjarju. |
| **Parteċipazzjoni tal-entitajiet tal-UE f'sistemi ta' pajjiżi terzi** | Rekwiżiti armonizzati għar-reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi u introduzzjoni ta' punt ta' aċċess ċentrali (ESMA - European Securities and Markets Authority[16] u EBA - European Banking Authority[17]). L-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE, id-ditti ta' | Rekwiżiti armonizzati għar-reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi u punt ta' aċċess ċentrali. Ir-responsabbiltà għar-reġistrazzjoni tas-sistemi ta' pajjiżi terzi tingħata lill-ESMA (għas-sistemi ta' saldu tat-titoli) u lill-BĊE jew lis-SEBĊ[18] (għas-sistemi ta' pagament), li jwasslu |

[16] L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.

[17] L-Awtorità Bankarja Ewropea.

[18] Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali.

| | | |
|---|---|---|
| | investiment, l-awtoritajiet pubbliċi jew l-impriżi garantiti pubblikament li jipparteċipaw f'sistemi ta' pajjiżi terzi rreġistrati fl-UE jibbenefikaw minn protezzjonijiet ta' finalità tas-saldu. Ir-reġistrazzjoni ssir mill-Istati Membri għall-Istat Membru rispettiv tagħhom. L-ebda reġistrazzjoni fil-livell tal-UE. | għal reġistrazzjoni fil-livell tal-UE. |
| **Kamp ta' applikazzjoni tal-parteċipanti** | L-espansjoni tal-lista ta' parteċipanti ta' sistema għall-entitajiet legali kollha li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet fir-regoli dwar il-finalità tas-saldu u fil-ġabra ta' regoli tas-sistema. | Kwalunkwe entità permessa minn operatur tas-sistema biex tipparteċipa fis-sistema titqies bħala parteċipant. Dan ikun jeħtieġ emendi għal leġiżlazzjoni oħra, inkluż is-CSDR, biex jiġi żgurat l-allinjament. |
| **Kamp ta' applikazzjoni tat-titoli eliġibbli** | Definizzjoni komuni tat-titoli eliġibbli. | L-operaturi tas-sistemi magħżula jistgħu jagħżlu l-istrumenti li jkunu inklużi fil-protezzjonijiet ipprovduti. |
| **Prattiki tad-deżinjazzjoni għas-sistemi tal-UE** | Rekwiżiti armonizzati għad-deżinjazzjoni tas-sistemi tal-UE u s-simplifikazzjoni tal-prattiki tad-deżinjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'notifika, kriterji ta' valutazzjoni jew skedi ta' żmien applikabbli. | L-ESMA (għas-sistemi ta' saldu tat-titoli) u l-BĊE jew is-SEBĊ (għas-sistemi ta' pagament) ikunu responsabbli għall-valutazzjoni u d-deżinjazzjoni tas-sistemi tal-UE fuq il-bażi tal-UE kollha. |
| **Trasparenza** | L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-ESMA b'informazzjoni aġġornata dwar sistemi deżinjati tal-UE, li ssir disponibbli għall-pubbliku. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta taħt l-Għażla 2 jiġi estiż ukoll. | L-informazzjoni dwar sistemi deżinjati mir-RFS għandha ssir pubblika f'forma ċentralizzata. Ikun hemm rapportar armonizzat lill-ESMA, inkluż dwar sistemi deżinjati, regoli u parteċipanti, kif ukoll sistemi ta' pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn protezzjonijiet domestiċi tal-parteċipanti. L-ESMA tagħti aċċess mhux ristrett għall-informazzjoni dwar proċedimenti ta' insolvenza kontra parteċipanti ta' kwalunkwe sistema deżinjata |

| | | |
|---|---|---|
| | | tal-UE. |
| **Mumenti ta' finalità tas-saldu** | Ir-RFS jiddetermina l-mumenti tad-dħul u l-irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta' trasferiment f'sistema, u potenzjalment il-mument tal-finalità tal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet ta' trasferiment. | It-tliet mumenti ta' finalità tas-saldu kollha jkunu armonizzati fil-livell tal-UE, b'mod uniformi għat-tipi kollha ta' sistemi. |

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet li l-Għażla 2 hija l-għażla li tindirizza bl-aħjar mod l-ostakli identifikati, filwaqt li tiżgura l-proporzjonalità, l-effettività u l-koerenza tas-soluzzjonijiet proposti. L-għażla li ma jsir xejn (Għażla 1) ma ssolvi l-ebda waħda mill-problemi identifikati, u minflok tħallihom f'idejn inizjattivi tal-industrija jew tal-Istati Membri minn isfel għal fuq. Dan ma jneħħix l-ostakli eżistenti għall-integrazzjoni tas-suq, bi traspożizzjonijiet nazzjonali differenti persistenti li jiġġeneraw kostijiet addizzjonali għall-parteċipanti fis-suq meta joperaw b'mod transfruntier. Fl-istess ħin, il-Valutazzjoni tal-Impatt qieset li għalkemm il-flessibbiltà pprovduta mid-DFS taħt l-Għażla 1 tista' tgħin biex jittaffa n-nuqqas ta' armonizzazzjoni/differenzi tal-Istati Membri fl-oqfsa tal-liġijiet dwar l-insolvenza, il-kumpaniji jew it-titoli, hija ma tikkumpensax għall-kostijiet assoċjati mal-ostakli eżistenti għall-integrazzjoni tas-suq.

Fil-każ kemm tal-Għażla 2 kif ukoll tal-Għażla 3, il-konverżjoni tad-DFS f'Regolament tippermetti approċċ aktar konsistenti u omoġenju mal-UE kollha. Dan jista' jgħin biex jitnaqqsu l-frammentazzjoni u l-kostijiet assoċjati. Dan jiżgura wkoll l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar il-finalità tas-saldu, inaqqas ir-riskju legali u jappoġġa l-interoperabbiltà tal-infrastrutturi tas-suq. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' liġijiet armonizzati dwar l-insolvenza jnaqqas l-impatt pożittiv tal-Għażla 2 u tal-Għażla 3.

It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor l-impatti ewlenin, f'termini ta' benefiċċji u kostijiet, identifikati fil-Valutazzjoni tal-Impatt:

| | **Għażla 2** | **Għażla 3** |
|---|---|---|
| **Ċertezza legali għall-innovazzjoni diġitali** | Protezzjoni uniformi tar-RFS għas-sistema mill-insolvenza tal-parteċipanti tal-UE, irrispettivament mit-teknoloġija, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha tar-RFS. Kostijiet tas-superviżjoni mnaqqsin. Iffaċilitar tal-innovazzjoni permezz ta' ċarezza fl-applikazzjoni tar-RFS. | Il-miżuri addizzjonali, jiġifieri li t-tokens diġitali jew l-entrati fir-reġistru jiġu rikonoxxuti espliċitament bħala li jġorru l-istess drittijiet legali (jew komparabbli) bħat-titoli tradizzjonali, potenzjalment billi jiġi żviluppat qafas legali fakultattiv fil-livell tal-UE għat-titoli diġitali (jiġifieri t-28 reġim), imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-RFS u jistħoqqilhom kunsiderazzjoni bħala parti mir-riflessjonijiet tal-SIU dwar it-28 reġim, f'konformità ma' dak li ġie |

| | | |
|---|---|---|
| | | ssuġġerit mill-partijiet ikkonċernati. |
| **Regoli applikabbli għall-kunflitt tal-liġi** | Żieda fiċ-ċertezza legali fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' titoli transfruntieri. Iffrankar għall-parteċipanti fis-suq f'kostijiet għal opinjonijiet legali u ta' konformità. Dawn il-benefiċċji jestendu għal sistemi bbażati fuq id-DLT. | Żieda fiċ-ċertezza legali u kostijiet ta' konformità aktar baxxi. Il-frammentazzjoni tas-suq tibqa' u jkollha impatt negattiv fuq il-protezzjoni ġenerali tas-sistema. Dan ma jappoġġax l-integrazzjoni u l-effiċjenza tas-suq. |
| **Parteċipazzjoni tal-entitajiet tal-UE f'sistemi ta' pajjiżi terzi** | Kundizzjonijiet ekwi. Kostijiet aktar baxxi għall-parteċipanti tal-UE tar-rekwiżiti ta' kollateral meħtieġa mis-sistemi ta' pajjiżi terzi li jipparteċipaw fihom. | Armonizzazzjoni massima, faċilità tal-konformità bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-ESMA/EBA/SEBĊ. Dan ikun jeħtieġ żieda sostanzjali fir-riżorsi għal dawn l-entitajiet. B'hekk, dewmien u kostijiet potenzjali. |
| **Kamp ta' applikazzjoni tal-parteċipanti** | Kamp ta' applikazzjoni armonizzat tal-protezzjoni mal-Istati Membri kollha. Kostijiet limitati għall-Istati Membri li jeħtieġ li jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom, jekk ikun meħtieġ (l-Istat Membru għandu jestendi l-protezzjoni lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament). | Appoġġ għall-innovazzjoni, iżda inqas ċertezza dwar il-parteċipazzjoni f'sistema. Frammentazzjoni tas-suq. Kundizzjonijiet mhux ekwi bejn l-operaturi ta' sistemi bbażati fuq id-DLT u ta' sistemi li ma jużawx id-DLT. |
| **Kamp ta' applikazzjoni tat-titoli eliġibbli** | Tnaqqis fil-frammentazzjoni tas-suq u tnaqqis fil-kostijiet tat-tranżazzjonijiet transfruntieri. Kostijiet limitati għall-Istati Membri li jeħtieġ li jemendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom, jekk ikun meħtieġ (l-Istat Membru għandu jestendi l-protezzjoni lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament). | Appoġġ għall-innovazzjoni, iżda inqas ċertezza dwar il-parteċipazzjoni f'sistema. Frammentazzjoni tas-suq. Kundizzjonijiet mhux ekwi bejn l-operaturi ta' sistemi bbażati fuq id-DLT u ta' sistemi li ma jużawx id-DLT. |
| **Prattiki tad-deżinjazzjoni għas-sistemi tal-UE** | Kundizzjonijiet ekwi, saldu transfruntier aktar faċli u frammentazzjoni mnaqqsa. Permezz tal-espansjoni għas-sistemi bbażati fuq id-DLT, jingħata wkoll appoġġ għall-innovazzjoni. Xi kostijiet | L-akbar armonizzazzjoni possibbli. Integrazzjoni tas-suq. Kostijiet u dewmien għall-ESMA/EBA/SEBĊ biex jibnu l-kompetenzi u l-infrastruttura meħtieġa. |

| | | |
|---|---|---|
| | għall-Istati Membri, minħabba li jkollhom jaġġustaw il-proċessi ta' deżinjazzjoni tagħhom. | |
| **Trasparenza** | Tnaqqis fil-frammentazzjoni tas-suq, żieda fiċ-ċertezza legali u monitoraġġ aktar faċli tar-riskju. Fiduċja akbar fis-sistemi deżinjati, inklużi sistemi bbażati fuq id-DLT. Attività transfruntiera, aktar integrazzjoni tas-suq u effetti fuq l-iskala. Kost għall-pubblikazzjoni tal-informazzjoni addizzjonali limitata għall-operaturi tas-sistema, iżda kemxejn ogħla għall-ESMA minħabba kontrolli addizzjonali tal-kwalità. | It-trasparenza fuq elementi addizzjonali x'aktarx ma tipprovdix benefiċċji addizzjonali f'termini ta' kompetizzjoni, fiduċja jew ġestjoni tar-riskju. |
| **Mumenti ta' finalità tas-saldu** | Frammentazzjoni mnaqqsa. Interoperabbiltà, stabbiliment aktar faċli ta' konnessjonijiet tas-CSD u saldu transfruntier akbar. | Armonizzazzjoni sħiħa – mingħajr ma jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-sistema – hija detrimentali għall-effiċjenza ta' sistema. Applikazzjoni li tiswa ħafna flus f'ambjent tad-DLT, li teħtieġ salvagwardji addizzjonali. |

Abbażi tal-analiżi ta' hawn fuq, tqies li l-Għażla 2 b'mod ġenerali tkun aktar effettiva, effiċjenti u koerenti mill-Għażla 3, anke jekk l-Għażla 3, billi ġġib armonizzazzjoni saħansitra akbar tad-dispożizzjonijiet dwar il-finalità tas-saldu, tkun superjuri għall-Għażla 2 fit-titjib tas-superviżjoni u t-tnaqqis tad-diverġenzi. Bħala konklużjoni, l-Għażla 2 hija l-Għażla ppreferuta, minħabba li hija koerenti mal-objettivi tal-SIU, filwaqt li hija wkoll aktar proporzjonata u kosteffettiva. Hija se tippromwovi wkoll suq kapitali tal-UE aktar integrat, effiċjenti u innovattiv. L-Għażla 2 tgħin biex tnaqqas il-frammentazzjoni u tippromwovi suq aktar armonizzat, li huwa konformi mal-għanijiet usa' tal-SIU.

Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ valutazzjoni pożittiva tal-valutazzjoni tal-impatt wara l-ewwel opinjoni negattiva. Sabiex jiġu indirizzati l-kummenti mqajma mill-Bord, il-valutazzjoni tal-impatt ġiet riveduta sabiex: (i) jiġi ċċarat il-motiv għall-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva u r-rwol tagħha fl-istrateġija usa' tal-SIU, inkluża l-interazzjoni tagħha ma' inizjattivi oħrajn; (ii) jiġu ssimplifikati t-taqsimiet dwar id-definizzjoni tal-problemi u l-fatturi ewlenin tal-problemi; (iii) jittejbu l-ispjegazzjonijiet relatati mal-innovazzjoni bbażata fuq id-DLT; (iv) jiġu ċċarati l-loġika tal-intervent u l-objettivi. It-test ġie rivedut ukoll biex tissaħħaħ l-analiżi tad-daqs tal-problemi, abbażi ta' inputs kwantitattivi addizzjonali riċevuti mill-partijiet ikkonċernati u studji eżistenti oħrajn, sabiex il-kostijiet/benefiċċji jiġu vvalutati aħjar. It-test huwa wkoll aktar trasparenti dwar il-limitazzjoni fid-disponibbiltajiet tad-data u l-fatturi barra mill-kamp ta' applikazzjoni li

jagħmlu mmudellar robust sħiħ tal-kostijiet u l-benefiċċji mhux possibbli. Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati ġew riflessi wkoll b'mod aktar komprensiv permezz tat-test, u l-impatt tal-miżuri proposti fuq gruppi differenti ta' partijiet ikkonċernati nqabad aħjar.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-konverżjoni tad-DFS f'Regolament fl-istess ħin tissodisfa l-objettivi tas-simplifikazzjoni tal-liġi eżistenti tal-UE, tat-tnaqqis tal-burokrazija u tal-konformità aktar faċli magħha.

Ir-RFS isaħħaħ iċ-ċertezza legali u l-konsistenza għall-parteċipanti fis-suq. Barra minn hekk, billi jiżguraw in-newtralità teknoloġika, l-utenti tad-DLT jkunu jistgħu jittestjaw u jqiegħdu fis-suq teknoloġiji ġodda mingħajr kostijiet bla bżonn. Ir-RFS jelimina wkoll id-diskrepanzi fl-interpretazzjoni kkawżati mill-implimentazzjoni nazzjonali. Dan inaqqas ir-riskju legali u l-kumplessità tal-konformità għall-parteċipanti fis-suq li joperaw f'ġuriżdizzjonijiet multipli. Fl-aħħar nett, it-trawwim tal-fiduċja tal-investituri u t-titjib tar-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekosistema tal-postnegozjar jikkontribwixxu għall-effiċjenza tas-swieq kapitali tal-UE u indirettament għall-kompetittività tal-ekonomija tal-UE.

L-SMEs ma jiġux affettwati direttament minn din il-proposta, minħabba li l-maġġoranza kbira tad-ditti attivi fil-forniment tal-infrastruttura (servizzi ta' negozjar u postnegozjar) huma kumpaniji kbar u stabbiliti sewwa. Madankollu, permezz ta' kisbiet fl-effiċjenza u kompetizzjoni akbar fis-servizzi tas-suq kapitali, l-SMEs mhux finanzjarji jibbenefikaw permezz ta' aċċess aktar faċli u orħos għall-finanzjament tas-suq, inkluż għall-finanzjament tal-innovazzjoni u tat-tkabbir. Dan l-effett pożittiv għandu japplika wkoll għall-SMEs li jużaw esklussivament finanzjament ibbażat fuq il-banek, minħabba li dan il-mezz ta' finanzjament jinsab f'kompetizzjoni ma' finanzjament ibbażat fuq is-suq kapitali.

F'termini ta' kostijiet, iċ-ċarezza dwar l-applikazzjoni tar-RFS tnaqqas il-kostijiet għall-operaturi tas-sistema, minħabba li tnaqqas il-ħtieġa li jfittxu parir legali dwar l-interpretazzjoni tar-regoli u li jikkonformaw ma' idjosinkraziji lokali. Fl-aħħar nett, il-formalizzazzjoni tar-reġim tad-DLT u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-assi eliġibbli u tal-limiti tal-volum jagħmlu r-reġim aktar attraenti. Il-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'ippjanar fit-tul u jestendu l-operazzjonijiet lil hinn minn skali żgħar ta' ttestjar. Barra minn hekk, l-armonizzazzjoni u l-bidliet immirati fid-DFS jippermettu d-deżinjazzjonijiet (u l-protezzjoni) taħt il-ġabra ta' regoli dwar il-finalità tas-saldu għas-sistemi bbażati fuq id-DLT. B'mod ġenerali, il-bidliet għandhom jippromwovu l-innovazzjoni billi jżidu r-redditi potenzjali tal-investimenti u billi jipprovdu ċertezza legali akbar għall-innovazzjonijiet ibbażati fuq id-DLT.

- **Drittijiet fundamentali**

L-UE hija impenjata li tilħaq standards għoljin ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u hija firmatarja għal sett wiesa' ta' konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem. F'dan il-kuntest, il-proposta x'aktarx li mhux se jkollha impatt dirett fuq dawn id-drittijiet, kif elenkati fil-konvenzjonijiet ewlenin tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tal-bniedem, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li hija parti integrali mit-Trattati tal-UE, u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta se jkollha implikazzjonijiet baġitarji skont id-dikjarazzjoni finanzjarja fl-Anness 2.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Din il-proposta ma tirrikjedix pjan ta' implimentazzjoni.

Il-monitoraġġ tas-sistemi ta' saldu u ta' pagament huwa wkoll il-kompitu tal-ESMA, tal-EBA u tas-SEBĊ, li huma awtorizzati biex jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport dwar il-funzjonament tar-reġim tal-finalità tas-saldu fi żmien 5 snin mid-dħul fis-seħħ tar-RFS.

Il-proposta għar-RFS tawtorizza lill-Kummissjoni biex tħejji rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-applikazzjoni tar-Regolament, flimkien ma' emendi, jekk ġustifikati.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

M/A

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1(2) jispeċifika l-Artikoli ta' dan ir-Regolament li japplikaw għall-parteċipanti stabbiliti fl-Unjoni meta jipparteċipaw f'sistemi rreġistrati.

L-Artikolu 2 jiddefinixxi diversi termini u kunċetti meħtieġa għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, inklużi "saldu", "ikklerjar", "sistema tal-ikklerjar", "kontroparti ċentrali", "kamra tal-ikklerjar", "parteċipant", "parteċipant indirett", "klijent", "entrata fil-kotba", "netting", "kont", "kollateral", "jum tan-negozju" u "jum tax-xogħol".

L-Artikolu 3 jiċċara li l-operatur ta' sistema rregolata mil-liġi ta' Stat Membru, irrispettivament mill-munita li fiha jipprevedi s-saldu, l-ikklerjar jew l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment, jista' japplika għal deżinjazzjoni. Barra minn hekk, awtorità kompetenti tista', għal raġunijiet ta' riskju sistemiku, tagħżel sistema eżistenti għas-saldu, l-ikklerjar u l-eżekuzzjoni ta' struzzjonijiet relatati ma' strumenti għajr dawk diġà koperti mis-sistema.

Sabiex jiġu pprovduti kundizzjonijiet uniformi ta' deżinjazzjoni u proċedura armonizzata, l-Artikolu 4 jispjega l-proċedura għall-għoti u r-rifjut tad-deżinjazzjoni ta' sistema. F'dan il-każ, l-awtorità kompetenti hija dik fl-Istat Membru li l-liġi tiegħu tirregola s-sistema. B'mod partikolari, l-Artikolu jispeċifika ż-żmien disponibbli għall-awtorità kompetenti biex taċċetta jew tirrifjuta applikazzjoni għad-deżinjazzjoni ta' sistema u l-perjodu ta' valutazzjoni biex tagħti jew tirrifjuta d-deżinjazzjoni. Bl-istess mod, l-Artikolu 5 jispeċifika l-kundizzjonijiet għad-deżinjazzjoni ta' sistema. L-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar dawn il-kundizzjonijiet (għas-sistemi ta' saldu u ta' kklerjar). Dispożizzjoni simili tapplika għall-EBA għas-sistemi ta' pagament.

L-Artikolu 6 jispjega li awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-ESMA li tkun iddeżinjat sistema. Barra minn hekk, sabiex tiġi armonizzata l-informazzjoni li għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, l-Artikolu 6 jelenka l-elementi li għandu jkun fiha din in-notifika. L-ESMA għandha tippubblika d-deżinjazzjoni tas-sistema, kif ukoll kwalunkwe aġġornament fl-informazzjoni li tkun ifformat in-notifika, mingħajr dewmien żejjed fuq is-sit web tagħha.

L-Artikolu 7 jispeċifika dawk li jistgħu jikkwalifikaw bħala parteċipanti f'sistema deżinjata. Dan jispjega wkoll taħt liema kundizzjonijiet (riskju sistemiku) l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw parteċipant indirett bħala parteċipant. L-Artikolu 7 jitlob lill-operatur tas-sistema jistabbilixxi kriterji ta' ammissjoni nondiskriminatorji, trasparenti u oġġettivi għal sistema deżinjata.

L-Artikolu 8 jinkariga lill-operatur ta' sistema deżinjata għall-konformità tiegħu u tas-sistema mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe bidla materjali li taffettwa l-konformità tal-operatur u tas-sistema ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 9 jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom awtorità kompetenti tista' tirtira, bl-involviment tal-awtorità nazzjonali kompetenti, id-deżinjazzjoni ta' sistema. Dan jispjega wkoll l-involviment tal-ESMA, tal-EBA u tas-SEBĊ fil-proċess tal-irtirar ta' deżinjazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tinforma mingħajr dewmien, lill-operatur tas-sistema, lill-awtorità nazzjonali kompetenti, lill-ESMA, lill-EBA u lis-SEBĊ dwar l-irtirar tad-deżinjazzjoni.

L-Artikolu 10 jirrikjedi li kull Stat Membru jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar, b'mod partikolari għad-deżinjazzjoni ta' sistemi u r-reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi.

L-Artikolu 11 jispjega r-regoli u r-responsabbiltajiet assoċjati mal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-ESMA, l-EBA u s-SEBĊ fl-eżerċitar tad-dmirijiet skont ir-Regolament.

L-Artikolu 12 jittratta r-reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jiġu rreġistrati fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri. Tali talba għandha tiġi sottomessa lill-ESMA u mxerrda lill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni. Jekk parteċipant f'sistema ta' pajjiż terz ikun stabbilit fi Stat Membru, l-awtorità tar-reġistrazzjoni ta' dak l-Istat Membru tista' tirreġistra s-sistema.

L-Artikolu 13 jiddefinixxi l-proċedura għall-għoti u r-rifjut tar-reġistrazzjoni. Dan jispeċifika l-proċess ta' reġistrazzjoni, id-durata tal-valutazzjoni u l-metodi ta' komunikazzjoni mal-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz. Jawtorizza wkoll lill-ESMA (għas-sistemi ta' kklerjar u ta' saldu) u lill-EBA (għas-sistemi ta' pagament) f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, biex jiżviluppaw abbozzi ta' standards regolatorji biex jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fl-applikazzjoni għad-deżinjazzjoni u fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, kif ukoll l-implimentazzjoni ta' standards tekniċi biex jiddefinixxu l-formati elettroniċi uniformi għall-applikazzjoni għad-deżinjazzjoni u l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

L-Artikolu 14 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi.

L-Artikolu 15 jispjega n-notifika ta' sistemi rreġistrati u jitlob lill-ESMA biex tippubblika fuq is-sit web tagħha, fi żmien jumejn tax-xogħol min-notifika tal-awtorità tar-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni li tirreġistra s-sistema ta' pajjiż terz.

L-Artikolu 16 jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li taħthom awtorità tar-reġistrazzjoni tista' tirtira r-reġistrazzjoni ta' sistema.

L-Artikolu 17 jipprevedi li l-ordnijiet ta' trasferiment u n-netting, inkluż il-forniment ta' netting ta' għeluq, għandhom ikunu legalment infurzabbli u vinkolanti fuq partijiet terzi, anke

fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra parteċipant, dment li l-ordnijiet ta' trasferiment ikunu ddaħħlu fis-sistema qabel il-mument tal-ftuħ ta' tali proċedimenti ta' insolvenza.

L-Artikolu 18 jiddetermina kif għandu jiġi ddeterminat il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment f'sistemi deżinjati, inklużi sistemi interoperabbli.

L-Artikolu 19 jipprevedi li l-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra parteċipant jew operatur ta' sistema interoperabbli ma għandux jipprevjeni milli l-fondi jew l-istrumenti finanzjarji disponibbli fil-kont tas-saldu jew f'kontijiet li jkollhom kollateral ta' dak il-parteċipant jew operatur ta' sistema interoperabbli jintużaw biex jissodisfaw l-obbligi ta' dak il-parteċipant fis-sistema deżinjata, jew fis-sistema reġistrata jew f'arranġament ta' interoperabbiltà fil-jum tan-negozju tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza.

L-Artikolu 20 jiddefinixxi l-mument tal-irrevokabbiltà ta' ordni ta' trasferiment sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-insolvenza għal ordnijiet ta' trasferiment li jkunu ddaħħlu f'sistema.

L-Artikolu 21 jiddefinixxi l-mument tal-finalità tas-saldu, jiġifieri l-mument meta t-twettiq tal-obbligi rispettivi tal-partijiet għal tranżazzjoni jitlesta b'mod inkundizzjonat u irrevokabbli. Dan għandu l-għan li jiżgura l-ogħla grad possibbli ta' konsistenza fir-rigward tal-protezzjoni tal-finalità tas-saldu fis-sistemi kollha u min-naħa tiegħu jiffaċilita l-attività transfruntiera. Ir-regoli ta' kull sistema deżinjata għandhom jiddeterminaw il-mument speċifiku fejn is-saldu għandu jkun finali fi ħdan is-sistema f'konformità mal-liġi applikabbli għat-trasferiment tas-sjieda u drittijiet oħrajn. Is-sistemi interoperabbli għandhom jiżguraw, sa fejn ikun possibbli, li r-regoli tas-sistemi jiġu kkoordinati f'dan ir-rigward. L-ESMA u l-EBA, fejn applikabbli u t-tnejn f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, jistgħu jispeċifikaw aktar, permezz ta' abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, il-mumenti ta' finalità tas-saldu li ġejjin: (i) il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment f'sistema; (ii) il-mument tal-irrevokabbiltà ta' ordni ta' trasferiment li tiddaħħal f'sistema; u (iii) il-mument tas-saldu finali għal sistemi ta' saldu tat-titoli mhux imħaddma minn CSD, sistemi ta' kklerjar u ta' pagament, inkluż għal sistemi bbażati fuq id-DLT.

L-Artikolu 22 jipprevedi li l-mument tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza għandu jkun il-mument meta l-awtorita ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti tkun għaddiet id-deċiżjoni tagħha. Barra minn hekk, dan jispeċifika liema awtoritajiet jeħtieġ li jiġu nnotifikati.

L-Artikolu 23 jiddikjara li l-proċedimenti ta' insolvenza ma għandux ikollhom effetti retroattivi fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' parteċipant mill-parteċipazzjoni tiegħu f'sistema deżinjata jew sistema rreġistrata fi Stat Membru fejn ikun stabbilit il-parteċipant.

L-Artikolu 24 jiddetermina l-liġi li tirregola d-drittijiet u l-obbligi tal-parteċipanti fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza.

L-Artikolu 25 jiddetermina li d-drittijiet tad-detenturi ta' sigurtà kollaterali għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut l-istrument finanzjarju. L-Artikolu 25(2) jiddetermina li d-drittijiet tad-detenturi ta' sigurtà kollaterali pprovduti b'konnessjoni mal-parteċipazzjoni f'sistema għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi tal-Istat Membru li fih ikun jinsab ir-reġistru jew il-kont fejn jiġi rreġistrat il-kollateral. L-Artikolu 25(3) jipprovdi deroga, fejn ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat il-post ta' reġistru. F'każ bħal dan, id-drittijiet fir-rigward tal-istrument finanzjarju pprovdut bħala titolu, għandhom jiġu rregolati mil-liġi tal-Istat Membru li jirregola s-sistema. L-Artikolu 25(4) jiddefinixxi xi tfisser ir-referenza għal-liġi ta' Stat Membru.

L-Artikolu 26 jistabbilixxi r-rwol tal-bażi tad-data ċentrali, li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u dokumenti rilevanti għar-riċevituri skont dan ir-Regolament. L-Artikolu jipprevedi wkoll aċċess għall-bażi tad-data ċentrali mill-awtoritajiet kompetenti, mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

L-Artikolu 27 jagħti lill-Kummissjoni, għal perjodu indeterminat, is-setgħa li tadotta atti delegati skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 28 jistabbilixxi miżuri tranżizzjonali, li b'mod partikolari jiċċaraw li ordni ta' trasferiment li tidħol fis-sistema qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, iżda li tiġi saldata wara, għandha titqies bħala ordni ta' trasferiment skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 29 jirrikjedi li l-Kummissjoni tabbozza rapport ġenerali u jirrikjedi li l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ u mal-EBA, tissottometti Rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tar-reġim tal-finalità tas-saldu, fi żmien 6 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 30 iħassar id-DFS.

L-Artikolu 31 jemenda ċerti dispożizzjonijiet tad-DKF, b'mod partikolari billi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jinkludi flus kontanti, strumenti finanzjarji u talbiet ta' kreditu jekk jinħarġu jew jiġu rreġistrati fuq id-DLT. Huwa jiddefinixxi wkoll it-termini u l-kunċetti meħtieġa għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament, jiġifieri "kont" u jespandi ċerti definizzjonijiet biex jinkludu r-reġistrazzjoni diġitali, inkluż id-DLT. Fl-aħħar nett, huwa jipprovdi l-iskadenza għat-traspożizzjoni għal dawk l-emendi.

L-Artikolu 32 jiddetermina d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

2025/0381 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[19]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[20],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[21],

Billi:

(1) Din il-proposta hija parti minn pakkett imfassal biex jistabbilixxi suq uniku għas-servizzi finanzjarji billi jindirizza l-ineffiċjenzi tas-suq li jirriżultaw mill-frammentazzjoni u biex joħloq swieq kapitali Ewropej tassew integrati li jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji kollha mal-Unjoni kollha. Il-pakkett ifittex li jisfrutta l-potenzjal tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni billi jipprovdi aċċess għal finanzjament aktar effiċjenti bbażat fuq is-suq kapitali u jiffaċilita l-flussi kapitali transfruntieri, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jappoġġaw l-ekonomija tal-Unjoni, jistimulaw il-ħolqien tal-impjiegi u jsaħħu l-kompetittività.

(2) Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] tistabbilixxi prinċipji u regoli li għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskju sistemiku li jinħoloq mill-insolvenza tal-parteċipanti fis-sistemi ta' pagament u fis-sistemi ta' saldu tat-titoli billi ma japplikawx ċerti regoli nazzjonali dwar l-insolvenza, fejn parti għal tranżazzjoni ssir insolventi, u b'hekk jippermettu li jsiru u jiġu saldati b'mod sikur tranżazzjonijiet ta' pagamenti u titoli. Id-Direttiva 98/26/KE tipproteġi wkoll il-kollateral previst mill-parti insolventi u tiċċara liema liġi għandha tapplika f'ċerti sitwazzjonijiet transfruntieri.

---

[19] ĠU C, p. . (għandu jiżdied ladarba jkun disponibbli/ippubblikat)

[20] ĠU C, p. . (għandu jiżdied ladarba jkun disponibbli/ippubblikat)

[21] ĠU C, p. . (għandu jiżdied ladarba l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u d-deċiżjoni tal-Kunsill ikunu disponibbli/ikunu ġew ippubblikati)

[22] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45), http://data.europa.eu/eli/dir/1998/26/oj.

(3) Konsultazzjoni pubblika li saret fl-2021 u r-rapport tal-Kummissjoni tal-2023[23] urew li l-obbligi stipulati fid-Direttiva 98/26/KE, kif ukoll il-protezzjonijiet mogħtija lill-istituzzjonijiet domestiċi li jipparteċipaw f'sistemi ta' pajjiżi terzi ġew trasposti b'mod differenti mill-Istati Membri, u dan irriżulta f'kundizzjonijiet mhux ekwi għas-sistemi u l-parteċipanti tal-Unjoni, u joħloq ostakli għall-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku.

(4) Approċċi nazzjonali diverġenti rriżultaw fil-frammentazzjoni tas-suq uniku. Is-sistemi u l-parteċipanti huma soġġetti għal regoli differenti fi Stati Membri differenti. F'dan ir-rigward, sistema tista' tiġi deżinjata fi Stat Membru wieħed u mhux f'ieħor, jew ordni ta' trasferiment tista' tiġi protetta fi Stat Membru wieħed u mhux f'ieħor, skont il-liġi tal-Istat Membru applikabbli għas-sistema. L-approċċi nazzjonali diverġenti jikkawżaw inċertezza legali, jipprevjenu l-integrazzjoni tas-suq u jinibixxu t-tranżazzjonijiet transfruntieri.

(5) Sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet li jimponu obbligi fuq is-sistemi, l-operaturi tagħhom u l-parteċipanti tagħhom jiġu applikati b'mod uniformi fl-Unjoni kollha, u b'hekk jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni tas-suq u t-tranżazzjonijiet transfruntieri, u tiġi żgurata ċertezza legali akbar, huwa xieraq u neċessarju li d-Direttiva 98/26/KE titħassar u tiġi sostitwita b'Regolament.

(6) Sabiex firxa usa' ta' sistemi tkun tista' tibbenefika mill-protezzjonijiet offruti lis-sistemi u lill-operaturi tas-sistemi, jenħtieġ li l-kunċetti użati u r-regoli stipulati jkunu newtrali fir-rigward tal-użu ta' kwalunkwe teknoloġija partikolari, inkluża t-teknoloġija ta' reġistru distribwit (DLT, distributed ledger technology). B'mod partikolari, jenħtieġ li kwalunkwe referenza għar-reġistru jew għar-reġistrazzjonijiet tinkludi każijiet fejn tali reġistri jkunu stabbiliti fuq id-DLT jew b'xi mod ieħor fuq ir-reġistri distribwiti u fejn ir-reġistrazzjonijiet isiru fuq tali reġistri bbażati fuq kotba u, b'hekk, jistgħu jinkludu jew ma jinkludux kartieri jew rappreżentazzjonijiet diġitali oħrajn ta' sjieda u drittijiet.

(7) Ir-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] jippermetti li l-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq id-DLT jittestjaw u jesperimentaw bil-forniment ta' ċerti servizzi permezz tad-DLT, inkluż billi jistabbilixxu sistemi li jirregolaw l-ordnijiet ta' trasferiment fi strumenti finanzjarji bbażati fuq id-DLT. Jenħtieġ li jkun possibbli li tali sistemi jiġu deżinjati skont dan ir-Regolament, soġġett għall-konformità tagħhom mal-kundizzjonijiet stabbiliti kemm fir-Regolament (UE) 2022/858 kif ukoll f'dan ir-Regolament. L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) jenħtieġ li jingħataw mandat biex jispeċifikaw aktar ir-regoli dwar kif għandha tiġi vvalutata u ddeterminata l-finalità tas-saldu fis-sistemi li jużaw id-DLT.

(8) Billi r-regoli nazzjonali dwar l-insolvenza tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tirregola sistema japplikaw għal dik is-sistema, jenħtieġ li s-sistemi jiġu ddeżinjati mill-

---

23 Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-finalità tas-saldu fis-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli, inkluża l-applikazzjoni tiegħu għall-istituzzjonijiet domestiċi li jipparteċipaw f'sistemi ta' pajjiżi terzi u ta' arranġamenti finanzjarji kollaterali skont id-Direttivi 98/26/KE u 2002/47/KE, COM(2023) 345 final.

24 Ir-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE (ĠU L 151, 2.6.2022, p. 1), http://data.europa.eu/eli/reg/2022/858/oj

awtoritajiet tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tirregola s-sistema, abbażi ta' kundizzjonijiet uniformi ta' deżinjazzjoni u proċedura armonizzata.

(9) L-Istati Membri adottaw approċċi differenti fir-rigward tat-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata pubblikament fuq is-sistemi tal-Unjoni u s-sistemi ta' pajjiżi terzi li għalihom għażlu li jestendu l-protezzjonijiet tad-Direttiva 98/26/KE. Sabiex tiġi indirizzata l-assimetrija tal-informazzjoni eżistenti mal-Istati Membri u tiġi armonizzata l-informazzjoni li għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jiġi armonizzat it-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet inkarigati mid-deżinjazzjoni jew mir-reġistrazzjoni ta' sistema. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ESMA tippubblika l-informazzjoni b'mod ċentralizzat biex tiffaċilita l-aċċess għal dik l-informazzjoni. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-informazzjoni kkomunikata lill-ESMA għall-fini tal-pubblikazzjoni tkun rilevanti, akkurata u aġġornata.

(10) Jenħtieġ li l-lista ta' entitajiet li jistgħu jitqiesu bħala parteċipanti f'sistema tqis il-mudelli differenti ta' parteċipazzjoni adottati mis-sistemi, filwaqt li tiżgura li jintlaħaq l-għan li s-sistema finanzjarja tiġi protetta mir-riskju sistemiku. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-entitajiet li għandhom jiġu ammessi bħala parteċipanti jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet biex jevitaw li jinħolqu riskji bla bżonn għas-sistema li jipparteċipaw fiha. Madankollu, jenħtieġ li tali kundizzjonijiet ma jimponux rekwiżiti addizzjonali fejn l-operatur tas-sistema diġà japplika rekwiżiti ta' ammissjoni għas-sistema skont id-dritt tal-Unjoni meta jdaħħal entitajiet ġodda bħala parteċipanti fis-sistemi deżinjati tiegħu, bħal fil-każ ta' kontropartijiet ċentrali (CCPs, central counterparties) u depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs, central security depositories). Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu inklużi bħala parteċipanti f'sistema dawk l-entitajiet li jwettqu funzjonijiet ta' validazzjoni jew ta' kunsens li huma essenzjali biex tinżamm l-integrità tas-saldu.

(11) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva tal-protezzjonijiet tal-finalità tas-saldu, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnominaw l-awtorità jew l-awtoritajiet responsabbli għad-deżinjazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-komunikazzjoni tal-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza. Jenħtieġ li dawk l-awtoritajiet jingħataw is-setgħat meħtieġa għall-eżerċitar tal-funzjonijiet tagħhom. Jenħtieġ li huma jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni kif meħtieġ ma' xulxin u mal-ESMA u l-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). Sabiex jiġu ffaċilitati l-kompiti tagħhom u tiżdied it-trasparenza mal-Unjoni, jenħtieġ li l-lista ta' dawk l-awtoritajiet tiġi ppubblikata.

(12) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw il-protezzjonijiet ipprovduti lis-sistemi tal-Unjoni għal entitajiet stabbiliti fit-territorju tagħhom li jipparteċipaw direttament f'sistemi ta' pajjiżi terzi u għas-sigurtà kollaterali pprovduta b'konnessjoni mal-parteċipazzjoni f'tali sistemi ta' pajjiżi terzi. Sabiex jiġu rrimedjati l-kundizzjonijiet mhux ekwi fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-entitajiet tal-Unjoni f'sistemi ta' pajjiżi terzi li jirriżultaw mir-reġimi nazzjonali differenti żviluppati mill-Istati Membri biex jestendu l-protezzjonijiet tad-Direttiva 98/96/KE, jenħtieġ li jiġi stabbilit reġim armonizzat għar-reġistrazzjoni mill-Istati Membri ta' sistemi ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li dan ikun ibbażat fuq proċedura formalizzata u armonizzata li tiżgura l-applikazzjoni ta' standards ċari u li tissimplifika l-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-entitajiet kollha tal-Unjoni li jipparteċipaw f'sistema partikolari ta' pajjiż terz. Jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi mill-Istati Membri ssir mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita entità li tipparteċipa f'tali sistema. Madankollu, dan jista' jwassal biex diversi Stati Membri jirreġistraw l-istess sistema ta' pajjiż terz jekk il-membri jkunu stabbiliti f'diversi Stati Membri. Sabiex jiġu evitati kundizzjonijiet mhux ekwi

għall-entitajiet stabbiliti fi Stati Membri differenti, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta' tali sistemi ssir b'mod ikkoordinat u konverġenti u tiġi ffaċilitata mill-ESMA, mill-EBA u mis-SEBĊ.

(13) It-tnaqqis ta' riskju sistemiku jirrikjedi, b'mod partikolari, il-finalità tas-saldu u l-infurzabbiltà ta' sigurtà kollaterali. Għalhekk, jenħtieġ li l-ordnijiet ta' trasferiment u n-netting ikunu legalment infurzabbli fl-Istati Membri kolha u vinkolanti fuq partijiet terzi. Jenħtieġ li r-regoli dwar l-infurzabbiltà tan-netting ma jwaqqfux lis-sistemi milli jittestjaw, qabel ma jseħħ in-netting, jekk l-ordnijiet li ddaħħlu fis-sistema jikkonformawx mar-regoli ta' dik is-sistema u jippermettux li jseħħ is-saldu ta' dik is-sistema.

(14) Jenħtieġ li s-saldu jitqies bħala finali meta l-partijiet fil-kuntratt sottostanti s-saldu jkunu wettqu bis-sħiħ l-obbligi tagħhom lejn il-parti l-oħra b'mod inkundizzjonat u irrevokabbli. Il-mument li ordni ta' trasferiment tidħol f'sistema u l-mument tal-irrevokabbiltà ta' ordni ta' trasferiment huma mumenti importanti għall-applikazzjoni tal-liġi dwar l-insolvenza għal dik l-ordni ta' trasferiment. Sabiex jiġi żgurat l-ogħla grad possibbli ta' konsistenza fir-rigward tal-protezzjoni tal-finalità tas-saldu fis-sistemi kollha, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-attività transfruntiera fis-suq uniku, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-prinċipji li għandhom jintużaw biex jiġu ddeterminati dawk il-mumenti għat-tipi kollha ta' sistemi. Fl-istess ħin, jenħtieġ li dawk il-prinċipji jippermettu l-possibbiltà li jiġu żviluppati standards tekniċi regolatorji sabiex dawk il-prinċipji jitfasslu għall-karatteristiċi speċifiċi ta' kull sistema, filwaqt li titqies l-eżistenza ta' tipi differenti ta' sistemi, it-teknoloġiji differenti użati u l-mod kif topera kull sistema. Jenħtieġ li s-sistemi jinkludu, fejn jeżistu, dawk il-mumenti speċifiċi u mfassla apposta tal-finalità tas-saldu fir-regoli tagħhom b'mod ċar.

(15) Jenħtieġ li l-parteċipanti jew il-partijiet terzi ma jitwaqqfux milli jeżerċitaw kwalunkwe dritt jew talba li jirriżultaw mit-tranżazzjoni sottostanti li jista' jkollhom fil-liġi għall-irkuprar jew ir-restituzzjoni fir-rigward ta' ordni ta' trasferiment li tkun daħlet f'sistema, inkluż fil-każ ta' frodi jew żball tekniku, sakemm dan ma jwassalx la għat-tneħħija tan-netting u lanqas għar-revoka tal-ordni ta' trasferiment fis-sistema.

(16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw minnufih lil xulxin dwar il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra parteċipant fis-sistema. Jenħtieġ li l-proċedimenti ta' insolvenza ma jkollhomx effett retroattiv fuq id-drittijiet u l-obbligi tal-parteċipanti f'sistema.

(17) Fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra parteċipant f'sistema, jenħtieġ li jkun ċar liema liġi dwar l-insolvenza hija applikabbli għad-drittijiet u l-obbligi ta' dak il-parteċipant b'konnessjoni mal-parteċipazzjoni tiegħu f'sistema.

(18) Jenħtieġ li s-sigurtà kollaterali tiġi iżolata mill-effetti tal-liġi dwar l-insolvenza applikabbli għall-parteċipant insolventi. Is-sigurtà kollaterali tinkludi l-mezzi kollha pprovduti minn parteċipant lill-parteċipanti l-oħrajn fis-sistema ta' saldu, sabiex jiġu garantiti d-drittijiet u l-obbligi b'konnessjoni ma' dik is-sistema, inklużi l-ftehimiet ta' riakkwist, il-privileġġi statutorji u t-trasferimenti fiduċjarji.

(19) Fil-każ ta' sistemi konnessi, huwa meħtieġ li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-operatur tas-sistema li jipprovdi sigurtà kollaterali lil operatur tas-sistema riċeventi fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra dak l-operatur tas-sistema riċeventi.

(20) Huwa meħtieġ li tiġi pprovduta regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet rigward id-drittijiet tad-detenturi ta' sigurtà kollaterali sabiex jiġi żgurat li l-liġi tal-Istat Membru fejn is-sigurtà kollaterali tkun inħolqot b'mod validu f'reġistru, kont jew sistema ċentralizzata

ta' depożitu, tiddetermina wkoll il-validità u l-infurzabbiltà ta' dik is-sigurtà kollaterali kontra s-sistema, l-operatur tas-sistema, u kontra kwalunkwe persuna oħra li titlob direttament jew indirettament permezz tas-sistema. Jenħtieġ li r-regola tapplika biss għal reġistru, kont jew sistema ċentralizzata ta' depożitu li jagħtu evidenza tal-eżistenza ta' drittijiet proprjetarji fis-sigurtà kollaterali kkonċernata jew ta' kunsinna jew transferiment tas-sigurtà kollaterali kkonċernata.

(21) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-liġi ta' liema Stat Membru jenħtieġ li tapplika biex jiġu ddeterminati d-drittijiet tad-detenturi ta' dik is-sigurtà kollaterali. Madankollu, f'xi ċirkostanzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji ġodda, mhux dejjem ikun possibbli li jiġi ddeterminat f'liema Stat Membru jinsabu r-reġistru, il-kont jew is-sistema ċentralizzata ta' depożitu, fejn is-sigurtà kollaterali tkun irreġistrata legalment. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li d-drittijiet tad-detenturi ta' dik is-sigurtà kollaterali jiġu ddeterminati mil-liġi li tirregola s-sistema kkonċernata b'konnessjoni ma' dik is-sigurtà kollaterali.

(22) Huwa meħtieġ ukoll li tiġi pprovduta regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet rigward il-liġi applikabbli f'każ ta' insolvenza ta' parteċipant. Jenħtieġ li dik ir-regola ma tippreġudikax it-tħaddim u l-effett tal-liġi tal-Istat Membru li taħtha huma kostitwiti l-istrumenti finanzjarji jew tal-liġi tal-Istat Membru fejn l-istrumenti finanzjarji jistgħu jkunu jinsabu b'xi mod ieħor, inkluża, fost l-oħrajn, il-liġi dwar il-ħolqien, is-sjieda jew it-trasferiment ta' tali strumenti finanzjarji jew ta' drittijiet f'tali strumenti finanzjarji, u jenħtieġ li ma tiġix interpretata bħala li tfisser li kwalunkwe sigurtà kollaterali bħal din se tkun direttament infurzabbli jew li tkun tista' tiġi rikonoxxuta fi kwalunkwe Stat Membru bħal dan b'mod ieħor għajr f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru.

(23) Fid-dawl tal-bidliet li saru f'dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li tiġi emendata d-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25] biex tiġi żgurata l-konsistenza. Id-diverġenzi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 2002/47/KE jikkawżaw inċertezza legali u applikazzjoni kunfliġġenti, b'mod partikolari b'rabta mal-istrumenti maħruġa fuq id-DLT, minħabba li tali strumenti jkunu rikonoxxuti bħala kollateral potenzjali skont dan ir-Regolament, iżda mhux neċessarjament skont id-Direttiva 2002/47/KE.

(24) Jenħtieġ li l-ESMA, l-EBA u s-SEBĊ ikollhom rwol ċentrali fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jiżguraw applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-Unjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(25) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji żviluppati mill-ESMA u mill-EBA fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni ulterjuri ta' dawn li ġejjin: l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'applikazzjoni għad-deżinjazzjoni; il-kundizzjonijiet għad-deżinjazzjoni; l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni; il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment f'sistema mhux imħaddma minn CSD, inklużi sistemi bbażati fuq id-DLT; il-mument tal-irrevokabbiltà ta' ordni ta' trasferiment imdaħħla f'sistema mhux imħaddma minn CSD, inklużi sistemi bbażati fuq id-DLT; u l-mument tas-saldu finali f'sistemi mhux imħaddma minn CSD, inklużi sistemi bbażati fuq id-DLT. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi regolatorji permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu

[25] Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43), http://data.europa.eu/eli/dir/2002/47/oj

290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] u mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[27].

(26) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata wkoll is-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni żviluppati mill-ESMA jew mill-EBA fir-rigward tal-formati elettroniċi għall-applikazzjoni għad-deżinjazzjoni, u l-formati elettroniċi għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sistema ta' pajjiż terz. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(27) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward ta' emendi għad-definizzjoni ta' ordni ta' trasferiment sabiex jiżdiedu jew jitneħħew l-assi tas-saldu u l-emendi għal-lista ta' parteċipanti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(28) Is-sistemi li ġew iddeżinjati skont id-Direttiva 98/26/KE, u s-sistemi ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istati Membri estendew il-protezzjonijiet ta' dik id-Direttiva qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jibbenefikaw minn xi miżuri tranżizzjonali sabiex jipprovdu biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jiddeżinjaw jew jirreġistraw dawk is-sistemi, kif applikabbli, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-deżinjazzjoni u tar-reġistrazzjoni għal dawk is-sistemi tiġi differita.

(29) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi żgurat approċċ armonizzat għall-protezzjoni kontra r-riskju sistemiku li jirriżulta mill-funzjonament tas-sistemi ta' saldu, b'konnessjoni mal-insolvenza ta' kwalunkwe wieħed mill-parteċipanti tagħhom, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

---

[26] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84), http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj.

[27] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12), http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj.

(30) Dan ir-Regolament jintroduċi rekwiżiti vinkolanti għas-servizzi pubbliċi diġitali transfruntieri skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/903[28]. Il-kapitolu dwar id-Dimensjonijiet Diġitali tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja u Diġitali Leġiżlattiva jikkostitwixxi r-rapport li jirriżulta. Dan se jiġi ppubblikat ukoll fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli wara l-adozzjoni tal-Att.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

GĦAN, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

**Għan u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-deżinjazzjoni ta' sistemi li jikkwalifikaw għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-finalità tas-saldu fl-Unjoni kif stabbilit fl-Artikoli minn 17 sa 25.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri sabiex l-istituzzjonijiet stabbiliti f'dawk l-Istati Membri, li jipparteċipaw f'dawk is-sistemi ta' pajjiżi terzi, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-estensjoni tal-protezzjoni mill-insolvenza prevista fl-Artikoli 17, 19, 22(1), 23, 24 u 25(1) għal ordnijiet ta' trasferiment imdaħħla f'tali sistemi ta' pajjiżi terzi.

Fil-każ ta' insolvenza ta' membru ta' tali sistema, l-ordnijiet ta' trasferiment imdaħħla minn dak il-membru għandhom jiġu protetti meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-membru jipparteċipa f'sistema rreġistrata kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (9);

(b) il-membru huwa istituzzjoni kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (10)(a)(i) sa (iv) u (b), stabbilita fl-Istat Membru li jkun irreġistra dik is-sistema skont l-Artikolu 12.

3. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

(a) kwalunkwe sistema kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (1);

(b) kwalunkwe parteċipant kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (15);

(c) sigurtà kollaterali, kif imsemmija fl-Artikolu 25, ipprovdut b'konnessjoni u b'rabta ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) il-parteċipazzjoni f'sistema;

(ii) l-operazzjonijiet tal-banek ċentrali tal-Istati Membri jew tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-kuntest tal-funzjoni tagħhom bħala banek ċentrali.

[28] Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha (ĠU L, 2024/903, 22.3.2024, p. 1), http://data.europa.eu/eli/reg/2024/903/oj.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "sistema" tfisser arranġament formali, għajr arranġament ta' interoperabbiltà, b'regoli komuni u proċeduri standardizzati, inkluża sistema ta' saldu tat-titoli, sistema ta' kklerjar jew sistema ta' pagament, li jipprevedu s-saldu, l-ikklerjar jew l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti;

(2) "sistema ta' pajjiż terz" tfisser sistema li ma hijiex regolata mil-liġi ta' Stat Membru;

(3) "saldu" tfisser saldu kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (7), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29];

(4) "ikklerjar" tfisser ikklerjar kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30];

(5) "sistema ta' saldu tat-titoli" tfisser sistema li l-attività tagħha tikkonsisti fis-saldu ta' ordnijiet ta' trasferiment;

(6) "sistema ta' pagament" tfisser sistema ta' pagament kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (7), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31];

(7) "sistema tal-ikklerjar" tfisser sistema li tipprovdi servizzi tal-ikklerjar imħaddma minn kamra tal-ikklerjar;

(8) "sistema deżinjata" tfisser sistema deżinjata f'konformità mal-Artikolu 3;

(9) "sistema rreġistrata" tfisser sistema rreġistrata f'konformità mal-Artikolu 12;

(10) "istituzzjoni" tfisser:

(a) kwalunkwe waħda mill-entitajiet li ġejjin, li jipparteċipaw f'sistema deżinjata, u li jkunu responsabbli għat-twettiq tal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn ordnijiet ta' trasferiment fi ħdan dik is-sistema:

(i) istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32],

---

29 Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1), http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj.

30 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1), http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.

31 Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35), http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj.

32 Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1), http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.

inklużi l-entitajiet elenkati fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[33];

(ii) ditta tal-investiment kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (1), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[34], bl-eċċezzjoni tal-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) tagħha;

(iii) awtorità pubblika;

(iv) impriża pubblikament garantita;

(v) kwalunkwe impriża li l-uffiċċju prinċipali tagħha jinsab barra mill-Unjoni u li l-funzjonijiet tagħha jikkorrispondu ma' dawk tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni jew tad-ditti ta' investiment imsemmija fil-punti (i) u (ii);

(b) kwalunkwe waħda mill-entitajiet li ġejjin, li tipparteċipa f'sistema deżinjata li n-negozju tagħha jikkonsisti fl-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment kif definit fil-punt (20)(a) u li hija responsabbli għat-twettiq tal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn tali ordnijiet ta' trasferiment fi ħdan dik is-sistema:

(a) istituzzjoni ta' pagament kif definita fl-Artikolu 4, il-punt (4), tad-Direttiva (UE) 2015/2366, bl-eċċezzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika li tibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 32 jew 33 ta' dik id-Direttiva;

(b) istituzzjoni tal-flus elettroniċi kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35], bl-eċċezzjoni ta' persuna ġuridika li tibbenefika minn rinunzja skont l-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva;

(11) "kontroparti ċentrali" jew "CCP" tfisser CCP kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(12) "depożitorju ċentrali tat-titoli" jew "CSD" tfisser depożitorju ċentrali tat-titoli kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tar-Regolament (UE) Nru 909/2014;

(13) "aġent tas-saldu" tfisser impriża li tipprovdi kontijiet ta' saldu lill-parteċipanti ta' sistema;

(14) "kamra tal-ikklerjar" tfisser entità responsabbli għall-kalkolu tal-pożizzjonijiet netti tal-istituzzjonijiet, inklużi CCP jew aġent tas-saldu;

(15) "parteċipant" tfisser kwalunkwe waħda mill-entitajiet li ġejjin, li tipparteċipa f'sistema:

---

33 Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338), http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj.

34 Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349), http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj.

35 Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7), http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj.

(a) għal sistemi deżinjati, kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) istituzzjoni;

(ii) CSD;

(iii) aġent tas-saldu;

(iv) kamra tal-ikklerjar;

(v) operatur tas-sistema;

(vi) membru tal-ikklerjar ta' CCP awtorizzat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(vii) entità għajr l-entitajiet elenkati fil-punti (i) sa (vi);

(b) għal sistemi rreġistrati, kwalunkwe membru permess skont ir-regoli ta' dik is-sistema rreġistrata;

(16) "membru tas-sistema" tfisser entità msemmija fil-punt (15)(a)(vii);

(17) "parteċipant indirett" tfisser kwalunkwe waħda mill-entitajiet elenkati fil-punt (15)(a)(i) sa (v) li għandha relazzjoni kuntrattwali ma' parteċipant f'sistema deżinjata li jeżegwixxi ordnijiet ta' trasferiment li tippermetti lill-entità tgħaddi ordnijiet ta' trasferiment permezz tas-sistema deżinjata;

(18) "klijent" tfisser kwalunkwe impriża b'relazzjoni kuntrattwali ma' parteċipant, inkluż parteċipant indirett, li tippermetti lil dik l-impriża ssalda, tikklerja u teżegwixxi l-ordnijiet ta' trasferiment tagħha permezz tas-sistema deżinjata permezz ta' tali parteċipant;

(19) "strument finanzjarju" tfisser strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (15), tad-Direttiva 2014/65/UE;

(20) "ordni ta' trasferiment" tfisser kwalunkwe waħda mill-istruzzjonijiet li ġejjin, inklużi struzzjonijiet li jeħtieġu l-użu ta' kjavi kriptografika jew ta' apparat jew metodu ieħor għas-sinjalazzjoni b'mod diġitali ta':

(a) struzzjoni minn parteċipant biex iqiegħed għad-dispożizzjoni ta' riċevitur jew membru ammont ta' fondi li jirriżulta fis-suppożizzjoni jew fit-twettiq ta' obbligu ta' ħlas kif stipulat fir-regoli tas-sistema;

(b) struzzjoni minn parteċipant biex jittrasferixxi t-titolu għal, jew l-interess fi, strumenti finanzjarji u strumenti oħrajn, fejn awtorizzati mis-sistema, inkluż b'rabta ma' arranġamenti kollaterali u kklerjar, irreġistrati permezz ta' entrata fil-kotba jew reġistrazzjoni elettronika fuq reġistru li jkollu funzjoni simili jew permezz ta' mod ieħor;

(21) "fondi" tfisser fondi kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (30), tar-[Regolament dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern (UE) [PSR, Payment Services Regulation][36];

(22) "entrata fil-kotba" tfisser rekord elettroniku, li jagħti prova ta' kwalunkwe kreditu jew debitu jew ta' bidliet oħrajn magħmula f'rekord elettroniku bħal dan, fejn ir-

[36] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament fis-suq intern u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, COM (2023) 367 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52023PC0367

rekord elettroniku u kwalunkwe bidla fih jistgħu jsiru bl-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit;

(23) "proċedimenti ta' insolvenza" tfisser kwalunkwe miżura kollettiva prevista fil-liġi ta' Stat Membru, jew pajjiż terz, jew biex jiġi stralċat parteċipant f'sistema jew biex jiġi organizzat mill-ġdid tali parteċipant, fejn tali miżura tinvolvi s-sospensjoni ta' traferimenti jew pagamenti, jew l-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet fuqhom;

(24) "netting" tfisser il-konverżjoni f'talba netta waħda jew f'obbligu nett wieħed ta' talbiet u obbligi li jirriżultaw minn ordnijiet ta' trasferiment li parteċipant jew parteċipanti joħorġu lil, jew jirċievu mingħand, parteċipant wieħed jew aktar bir-riżultat li tkun tista' tintalab biss talba netta jew ikun dovut obbligu nett;

(25) "kont ta' saldu" tfisser kont użat għas-saldu ta' ordnijiet ta' trasferiment jew użat biex jinżammu assi ta' saldu, inklużi flus kontanti, fondi u strumenti finanzjarji u, fejn użat għall-estensjoni ta' kreditu għal finijiet ta' saldu, imħaddem minn bank ċentrali, aġent tas-saldu jew kamra tal-ikklerjar;

(26) "kont" tfisser rekord, inkluż rekord diġitali jew elettroniku ċentralizzat jew deċentralizzat, li fuqu jistgħu jiġu kkreditati jew debitati flus kontanti, strumenti finanzjarji jew assi oħrajn jew irreġistrati b'mod ieħor biex tiġi rreġistrata bidla fir-rekord;

(27) "kollateral" tfisser l-assi realizzabbli kollha, inklużi, mingħajr limitazzjoni, dawk l-istrumenti u l-fondi finanzjarji, inklużi dawk maħruġa jew irreġistrati bl-użu ta' teknoloġija ta' reġistru distribwit, inkluż f'forma tokenizzata, u l-kollateral finanzjarju msemmi fl-Artikolu 1(4), il-punt (a), tad-Direttiva 2002/47/KE, ipprovdut taħt rahan, arranġament ta' trasferiment ta' titoli, ftehim ta' riakkwist jew simili, jew b'xi mod ieħor, għall-iskop li jiġu żgurati drittijiet u obbligi li potenzjalment jirriżultaw b'konnessjoni ma' sistema jew relatati magħha, jew ipprovduti lil banek ċentrali tal-Istati Membri jew lill-Bank Ċentrali Ewropew;

(28) "jum tan-negozju" tfisser saldi kemm ta' matul il-jum kif ukoll ta' matul il-lejl u tinkludi l-avvenimenti kollha li jseħħu matul iċ-ċiklu tan-negozju ta' sistema;

(29) "jum tax-xogħol" tfisser il-jiem kollha għajr il-btajjel pubbliċi, il-Ħdud u s-Sibtijiet, kif ikkalkolati f'konformità mar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71[37];

(30) "arranġament ta' interoperabbiltà" tfisser żewġ sistemi deżinjati jew aktar li l-operaturi tas-sistema tagħhom ikunu daħlu f'arranġament formali ma' xulxin li jinvolvi l-eżekuzzjoni intersistemika ta' ordnijiet ta' trasferiment;

(31) "sistema interoperabbli" tfisser sistema li hija parti minn arranġament ta' interoperabbiltà;

(32) "operatur tas-sistema" tfisser l-impriża jew l-impriżi, legalment responsabbli għat-tħaddim ta' sistema, li jistgħu jaġixxu wkoll bħala aġent tas-saldu, kontroparti ċentrali, depożitorju ċentrali tat-titoli jew kamra tal-ikklerjar;

(33) "awtorità li tinnomina" tfisser l-awtorità kompetenti responsabbli għad-deżinjazzjoni tas-sistema f'konformità mal-Artikolu 4(1);

---

[37] Ir-Regolament (KEE, EURATOM) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien (ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1), http://data.europa.eu/eli/reg/1971/1182/oj

(34) “awtorità nazzjonali kompetenti” tfisser l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-operatur tas-sistema;

(35) “awtorità tar-reġistrazzjoni” tfisser l-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġistrazzjoni tas-sistema f’konformità mal-Artikolu 12;

(36) “bażi tad-data ċentrali” tfisser il-bażi tad-data ċentrali stabbilita f’konformità mal-Artikolu 26;

(37) “teknoloġija ta’ reġistru distribwit” jew “DLT” tfisser teknoloġija ta’ reġistru distribwit kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 27 biex temenda kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) id-definizzjoni ta’ ordni ta’ trasferiment stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (20), fejn meħtieġ biex jiġi żgurat li tipi ġodda ta’ assi soġġetti għal saldu, ikklerjar jew pagament f’sistemi deżinjati jkunu koperti mill-protezzjonijiet previsti f’dan ir-Regolament;

(b) id-definizzjoni ta’ parteċipant stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (15), biex jiżdiedu persuni fiżiċi jew ġuridiċi, abbażi tal-esperjenza ta’ każijiet fejn persuni bħal dawn jitħallew jipparteċipaw f’sistema ta’ saldu tad-DLT soġġetta għar-Regolament (UE) 2022/858.

## TITOLU II

## *DEŻINJAZZJONI TAS-SISTEMA*

### *Artikolu 3*

### **Sistema deżinjata**

1. Meta impriża topera jew ikollha l-ħsieb li topera sistema rregolata mil-liġi ta’ Stat Membru, tali operatur tas-sistema jista’ japplika sabiex dik is-sistema tiġi ddeżinjata f’konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 4, bħala sistema fl-Unjoni li għaliha japplikaw ir-regoli dwar il-finalità tas-saldu stabbiliti fl-Artikoli minn 17 sa 25.

Operatur tas-sistema msemmi fil-paragrafu 1 li, sa ċertu punt, joffri s-saldu, l-ikklerjar jew l-eżekuzzjoni ta’ struzzjonijiet relatati ma’ strumenti għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (20)(b), jista’ jitlob li r-regoli dwar il-finalità tas-saldu stabbiliti fl-Artikoli minn 17 sa 25 japplikaw ukoll b’rabta ma’ tali strumenti. L-awtorità li tinnomina tista’ tippermetti li tali struzzjonijiet jitqiesu bħala ordnijiet ta’ trasferiment meta hija tqis li tali deżinjazzjoni hija ġustifikata għal raġunijiet ta’ riskju sistemiku.

2. L-awtorità li tinnomina tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tirregola s-sistema tista’ tiddeżinja s-sistema, fejn mill-inqas wieħed mill-parteċipanti tagħha jkollu l-uffiċċju prinċipali tiegħu f’dak l-Istat Membru.

*Artikolu 4*

**Proċedura għall-għoti u r-rifjut tad-deżinjazzjoni**

1. Operatur ta' sistema li japplika għad-deżinjazzjoni ta' sistema li jopera għandu jissottometti applikazzjoni għad-deżinjazzjoni indirizzata lill-awtorità li tinnomina tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tirregola s-sistema.

2. L-applikazzjoni għandha tiġi kondiviża minnufih ma' dawn kollha li ġejjin:

   (a) l-awtorità li tinnomina;

   (b) fejn applikabbli, l-awtorità nazzjonali kompetenti;

   (c) l-ESMA;

   (d) l-EBA għal sistemi li joperaw ordnijiet ta' trasferiment stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punt (20)(a);

   (e) is-SEBĊ.

3. L-operatur tas-sistema għandu jinkludi fl-applikazzjoni d-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex juri li huwa u s-sistema li jopera jissodisfaw ir-rekwiżiti f'dan ir-Regolament, inkluża l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 6(2)(a) u (c) sa (g).

4. Għandha tintbagħat konferma tal-wasla tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-operatur tas-sistema fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tasal tali applikazzjoni. L-awtorità li tinnomina għandha, fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni, tiddetermina jekk l-applikazzjoni fihiex id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3.

   Meta, matul il-perjodu applikabbli speċifikat fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità li tinnomina tikkonkludi li mhux id-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-paragrafu 3 ikunu ġew sottomessi, hija għandha titlob lill-operatur tas-sistema jissottometti tali dokumenti jew informazzjoni addizzjonali. Meta l-operatur tas-sistema jkun naqas milli jikkonforma bis-sħiħ ma' kwalunkwe talba bħal din, l-awtorità li tinnomina tista' tirrifjuta l-applikazzjoni.

5. Sa tmiem il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 4, l-awtorità li tinnomina għandha tinnotifika lill-operatur tas-sistema u lill-awtoritajiet elenkati fil-paragrafu 2, il-punti (b) sa (e), kif applikabbli, jekk l-applikazzjoni hijiex aċċettata jew irrifjutata.

6. Wara li tkun innotifikat lill-operatur tas-sistema li l-applikazzjoni hija aċċettata, l-awtorità li tinnomina għandha twettaq valutazzjoni tal-konformità tal-operatur tas-sistema u tas-sistema mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fi żmien 80 jum tax-xogħol mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 5 ("il-perjodu ta' valutazzjoni").

7. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni, l-awtorità li tinnomina tista' tissottometti mistoqsijiet lill-operatur tas-sistema jew titlob informazzjoni komplementari mingħandu.

   Meta l-operatur tas-sistema ma jkunx wieġeb għall-mistoqsijiet jew ipprovda l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza stabbilita mill-awtorità li tinnomina, l-awtorità li tinnomina tista' tiddeċiedi li testendi darba l-perjodu ta' valutazzjoni rilevanti b'massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol b'kollox meta, fil-fehma tagħha, kwalunkwe waħda mill-mistoqsijiet jew l-informazzjoni tkun rilevanti għall-valutazzjoni. L-

awtorità li tinnomina għandha tinforma lill-operatur tas-sistema dwar l-estensjoni pprovduta. L-awtorità li tinnomina tista' tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fin-nuqqas ta' tweġiba tal-operatur tas-sistema.

8. Fil-perjodu ta' valutazzjoni, l-awtorità li tinnomina għandha tiddeċiedi jekk tagħtix jew tirrifjutax id-deżinjazzjoni tas-sistema msemmija fl-Artikolu 3. L-awtorità li tinnomina għandha tiddeċiedi li tagħti d-deżinjazzjoni biss meta tkun sodisfatta bis-sħiħ li s-sistema u l-operatur tagħha jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

9. Wara li tieħu deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 8, l-awtorità li tinnomina għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinforma lill-operatur tas-sistema, u lill-awtoritajiet elenkati fil-paragrafu 2, il-punti (b) sa (e), kif applikabbli, dwar id-deċiżjoni tagħha, inkluża spjegazzjoni motivata bis-sħiħ.

*Artikolu 5*

**Kundizzjonijiet għad-deżinjazzjoni**

1. Awtorità li tinnomina għandha tiddeżinja sistema f'konformità mal-Artikolu 3 biss meta l-awtorità li tinnomina tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) is-sistema tkun regolata mil-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità li tinnomina;

(b) mill-inqas wieħed mill-parteċipanti fis-sistema jkun stabbilit fl-Istat Membru tal-awtorità li tinnomina;

(c) is-sistema jkollha regoli komuni u proċeduri standardizzati għas-saldu, l-ikklerjar jew l-eżekuzzjoni, kif applikabbli, ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti;

(d) is-sistema tkun identifikat b'mod ċar fir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tagħha l-mumenti ta' finalità li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 18, 20 u 21.

(e) ir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistema jistipulaw, fejn rilevanti f'konformità mal-Artikolu 7, ir-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni fis-sistema;

(f) ma jkun hemm l-ebda kunflitt evidenti bejn ir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistema u l-liġi li tirregola s-sistema;

(g) l-operatur tas-sistema jkun jista' jiżgura monitoraġġ adegwat tal-konformità tas-sistema tiegħu mar-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistema li jopera;

(h) l-operatur tas-sistema jkun kapaċi jopera s-sistema, ikun ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u jkollu esperjenza suffiċjenti biex jiżgura l-ġestjoni tajba u prudenti tas-sistema;

(i) l-operatur tas-sistema jkollu biżżejjed riżorsi finanzjarji biex jopera s-sistema;

(j) l-operatur tas-sistema jkun legalment akkontabbli u responsabbli u jkollu obbligu legali għall-operat tas-sistema, inkluż għal kwalunkwe konnessjoni ma' sistemi oħrajn u r-relazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet;

(k) l-operatur tas-sistema jkun daħħal fis-seħħ miżuri suffiċjenti biex itaffi r-riskji relatati mal-operat tas-sistema;

(l) meta l-operatur tas-sistema jkun jikkonsisti f'network ta' nodi li joperaw taħt qafas komuni ta' governanza u superviżjoni, ir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistema għandhom jiżguraw li impriża waħda tkun legalment akkontabbli u responsabbli u jkollha l-obbligu legali għat-tħaddim tas-sistema;

(m) meta l-operatur tas-sistema jkun konsorzju ta' entitajiet, l-entitajiet kollha għandhom ikunu akkontabbli, responsabbli u bl-obbligu legali *in solidum* għat-tħaddim tas-sistema.

2. L-ESMA tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għas-sistemi ta' saldu tat-titoli u s-sistemi tal-ikklerjar.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38].

3. L-EBA tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għas-sistemi ta' pagament.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[39].

*Artikolu 6*

***Notifika ta' sistema deżinjata***

4. Awtorità li tinnomina għandha tinnotifika simultanjament u mingħajr dewmien żejjed lill-ESMA u lill-operatur tas-sistema bid-deċiżjoni tagħha meħuda skont l-Artikolu 4. Id-deżinjazzjoni għandha tkun effettiva mid-data tan-notifika.

5. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni kollha li ġejja, mid-data tad-deżinjazzjoni:

(a) l-identifikazzjoni tas-sistema, il-liġi li tirregola s-sistema, l-operatur tas-sistema u l-awtorità li tinnomina;

(b) id-data li fiha ġiet deżinjata s-sistema;

---

[38] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84), http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj.

[39] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12), http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj.

(c) l-Istat Membru li fih huwa stabbilit l-operatur tas-sistema u l-awtorità nazzjonali kompetenti, fejn applikabbli;

(d) jekk is-sistema hijiex sistema ta' saldu tat-titoli, sistema tal-ikklerjar jew sistema ta' pagament;

(e) il-mumenti ta' finalità tas-sistema kif speċifikati fir-regoli tagħha f'konformità mal-Artikoli 18, 20 u 21;

(f) il-parteċipanti fis-sistema;

(g) ir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistema;

(h) il-valutazzjoni tal-awtorità li tinnomina tal-konformità tal-operatur tas-sistema u tas-sistema mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament, inklużi l-kundizzjonijiet għad-deżinjazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 5.

6. L-awtorità li tinnomina għandha tinnotifika lill-ESMA u lill-awtoritajiet elenkati fl-Artikolu 4(2), il-punti (b), (d) u (e), kif applikabbli, mingħajr dewmien żejjed, dwar kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe notifika magħmula mill-operatur tas-sistema f'konformità mal-Artikolu 8(2);

(b) kwalunkwe bidla fid-deżinjazzjoni tas-sistema;

(c) kwalunkwe aġġornament għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2.

7. L-ESMA għandha tippubblika f'format standardizzat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (g), u kwalunkwe aġġornament għaliha f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (c), fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol wara li tirċievi dik l-informazzjoni. L-ESMA għandha tispeċifika d-data meta saru l-aġġornamenti għall-informazzjoni fuq is-sit web tagħha u liema informazzjoni ġiet aġġornata.

L-ESMA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi informazzjoni aġġornata lill-EBA u lis-SEBĊ, kif applikabbli.

*Artikolu 7*

***Parteċipanti f'sistemi deżinjati***

1. Operatur ta' sistema jista' jaċċetta tip wieħed jew aktar ta' parteċipanti elenkati fl-Artikolu 2(1), il-punt (15)(a)(i) sa (vii), għas-sistema deżinjata li jopera.

Sistema deżinjata li tippermetti lil parteċipant jaġixxi f'diversi mill-kapaċitajiet elenkati fl-Artikolu 2(1), il-punt (15)(a), jew iwettaq parti mill-kompiti jew il-kompiti kollha relatati ma' dawk il-kapaċitajiet, għandha tispeċifika dan fir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tagħha.

Stat Membru jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jaċċetta parteċipant indirett bħala parteċipant meta l-parteċipant indirett ikun magħruf mill-operatur tas-sistema u mill-parteċipanti tas-sistema, u meta dan ikun ġustifikat minħabba r-riskju sistemiku. Madankollu, dik il-possibbiltà ma għandhiex tillimita r-responsabbiltà tal-parteċipant li permezz tagħha l-parteċipant indirett jgħaddi l-ordnijiet ta' trasferiment lis-sistema deżinjata.

2. Operatur ta' sistema deżinjata jista' jaċċetta membru tas-sistema fis-sistema biss meta dak il-membru jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikollu l-kapaċità u l-abbiltà li jissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tiegħu fis-sistema;

(b) ikollu l-kapaċità u l-abbiltà li jtaffi r-riskji li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni tiegħu fis-sistema;

(c) ikun konformi mar-regoli tas-sistema.

Operatur ta' sistema deżinjata għandu jistabbilixxi kriterji ta' ammissjoni, li jiddifferenzjaw skont it-tip ta' parteċipant, fejn rilevanti. Tali kriterji ta' ammissjoni għandhom ikunu nondiskriminatorji, trasparenti u oġġettivi biex jiġi żgurat aċċess ġust u miftuħ għas-sistema deżinjata.

Operatur ta' sistema deżinjata għandu jiżgura li l-membri tas-sistema jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu fuq bażi kontinwa u għandu jkollu aċċess f'waqtu għall-informazzjoni rilevanti għal tali valutazzjoni.

3. Parteċipant li jippermetti lill-klijenti tiegħu jaċċessaw sistema deżinjata billi jibgħat struzzjonijiet għal ordnijiet ta' trasferiment permezz ta' dik is-sistema għandu jinforma b'dan lill-operatur ta' dik is-sistema. Dak il-parteċipant għandu jkollu r-riżorsi finanzjarji addizzjonali u l-kapaċità operazzjonali meħtieġa biex iwettaq dik l-attività u għandu jipprovdi lill-operatur tas-sistema bl-informazzjoni meħtieġa biex jidentifika, jimmonitorja u jimmaniġġja l-konċentrazzjonijiet rilevanti ta' riskju relatati mal-forniment ta' servizzi lill-klijenti.

Parteċipant li jippermetti lill-klijenti tiegħu jaċċessaw is-servizzi tas-sistema għandu, fuq talba mill-operatur tas-sistema, jinforma lill-operatur tas-sistema dwar il-kriterji u l-arranġamenti li jadotta biex jippermetti lill-klijenti tiegħu jaċċessaw dawk is-servizzi. Irrispettivament minn tali informazzjoni, dak il-parteċipant għandu jibqa' unikament responsabbli fir-rigward tal-operatur tas-sistema u ta' parteċipanti oħrajn fis-sistema biex jiżgura li l-klijenti tiegħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom.

*Artikolu 8*

***Dmirijiet ta' operatur tas-sistema ta' sistema deżinjata***

1. L-operatur ta' sistema deżinjata għandu jkun responsabbli f'kull ħin għall-konformità tiegħu u dik tas-sistema li jopera mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-operatur tas-sistema għandu jinnotifika, mingħajr dewmien żejjed, lill-awtorità li tinnomina dwar kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe bidla materjali li taffettwa jew tista' taffettwa l-konformità tal-operatur tas-sistema, u dik tas-sistema li jopera, mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

(b) kwalunkwe bidla fil-lista ta' informazzjoni prevista fl-Artikolu 6(2), il-punti (a) sa (g).

*Artikolu 9*

***Irtirar tad-deżinjazzjoni***

1. Awtorità li tinnomina għandha tirtira deżinjazzjoni li tkun tat, meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) l-operatur tas-sistema jkun kiseb id-deżinjazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezz irregolari jew illegali ieħor;

   (b) l-operatur tas-sistema jew is-sistema li jopera, kif applikabbli, ma jibqgħux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-operatur tas-sistema ma jkunx ħa l-azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-awtorità li tinnomina f'perjodu ta' żmien stabbilit;

   (c) l-operatur tas-sistema jew is-sistema li jopera, kif applikabbli, ikunu kisru serjament jew sistemikament ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

2. Awtorità li tinnomina għandha tiddeċiedi biss li tirtira d-deżinjazzjoni ta' sistema wara li tkun infurmat lill-awtorità nazzjonali kompetenti u talbet opinjoni dwar l-adegwatezza tal-irtirar tad-deżinjazzjoni. L-opinjoni għandha tintalab mill-ESMA u mis-SEBĊ għall-irtirar tad-deżinjazzjoni għal sistemi ta' saldu tat-titoli u sistemi ta' kklerjar, jew mill-EBA u mis-SEBĊ, għall-irtirar tad-deżinjazzjoni għal sistemi ta' pagament.

   Meta l-ESMA, l-EBA jew is-SEBĊ ikunu tal-opinjoni li l-irtirar tad-deżinjazzjoni jista' jikkawża riskji materjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew fi Stat Membru, dawn għandhom jinformaw lill-awtorità li tinnomina fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta jiġu infurmati dwar irtirar potenzjali ta' deżinjazzjoni skont l-ewwel subparagrafu u l-awtorità li tinnomina għandha, qabel ma tirtira d-deżinjazzjoni tas-sistema, issejjaħ laqgħa *ad hoc* mal-awtorità nazzjonali kompetenti, mas-SEBĊ u, skont in-natura tas-sistema, mal-ESMA jew mal-EBA, sabiex jikkooperaw dwar kif għandhom jittaffew ir-riskji identifikati.

   Meta s-sistema deżinjata tkun CSD jew CCP, l-awtorità li tinnomina ma għandhiex tirtira d-deżinjazzjoni mingħajr il-kunsens tal-awtorità responsabbli għas-superviżjoni ta' dik is-CSD jew is-CCP.

3. Awtorità li tinnomina għandha teżamina jekk sistema tkunx għadha konformi mal-kundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat id-deżinjazzjoni meta tintalab tagħmel dan mill-ESMA u mis-SEBĊ, għas-sistemi ta' saldu tat-titoli u għas-sistemi ta' kklerjar, jew mill-EBA u mis-SEBĊ, għas-sistemi ta' pagament.

4. Meta l-awtorità li tinnomina tirtira d-deżinjazzjoni, hija għandha tinnotifika simultanjament lill-operatur tas-sistema, lill-awtorità nazzjonali kompetenti, lill-ESMA, lill-EBA u lis-SEBĊ dwar id-deċiżjoni tagħha li tirtira d-deżinjazzjoni ta' sistema u l-ESMA għandha taġġorna s-sit web tagħha kif xieraq fil-jum indikat mill-awtorità li tinnomina fin-notifika tagħha.

5. L-irtirar ta' deżinjazzjoni għandu jkun effettiv mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 4.

TITOLU II

AWTORITAJIET U KOOPERAZZJONI

*Artikolu 10*

***Awtorità kompetenti***

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtoritajiet kompetenti kollha responsabbli għat-twettiq tad-dmirijiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament b'rabta mas-sistemi, inklużi l-awtoritajiet li jinnominaw, l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni u l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 22(2).

   Meta Stat Membru jaħtar aktar minn awtorità kompetenti waħda, huwa għandu jiddetermina r-rwoli rispettivi tagħhom.

   Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda biex tkun responsabbli għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħrajn, l-ESMA, l-EBA u s-SEBĊ.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-ESMA, l-ismijiet tal-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni u tal-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, u jispeċifikaw ir-rwoli rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, u tal-awtorità kompetenti unika msemmija fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu.

3. L-ESMA għandha tippubblika, mingħajr dewmien żejjed, lista tal-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni u tal-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, u r-rwoli rispettivi tagħhom, u l-awtorità kompetenti unika msemmija fil-paragrafu 1, it-tielet subparagrafu, fuq is-sit web tagħha u tinforma lill-EBA u lis-SEBĊ dwar kwalunkwe bidla f'dik il-lista.

*Artikolu 11*

***Skambju ta' informazzjoni***

1. L-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni, l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 22(2), l-ESMA, l-EBA u s-SEBĊ, għandhom jikkondividu u jipprovdu lil xulxin b'informazzjoni fejn din tintalab għat-twettiq tad-dmirijiet rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament mingħajr dewmien żejjed.

2. Kemm it-talba għall-informazzjoni kif ukoll it-tweġiba għat-talba għandhom jiġu sottomessi permezz tal-bażi ta' data ċentrali.

3. Kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali riċevuta skont dan ir-Regolament għandha tintuża biss sabiex jiġi eżerċitat kwalunkwe dmir li jirriżulta skont dan ir-Regolament.

TITOLU III

SISTEMI TA' PAJJIŻI TERZI

*Artikolu 12*

***Reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi***

Kull waħda mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri li fihom ikun stabbilit membru li jipparteċipa f'sistema ta' pajjiż terz tista' tiddeċiedi li tirreġistra tali sistema ta' pajjiż terz f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13,

dment li l-membru jkun istituzzjoni kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punti (10)(a)(i) sa (iv), jew fl-Artikolu 2(1), il-punt (10)(b). Kull waħda minn dawk l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sistema ta' pajjiż terz.

*Artikolu 13*

***Proċedura għall-għoti u r-rifjut tar-reġistrazzjoni***

1. Meta l-operatur ta' sistema ta' pajjiż terz ("operatur tas-sistema ta' pajjiż terz") ikun jixtieq jirreġistra dik is-sistema bħala sistema rreġistrata, huwa għandu jissottometti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, indirizzata lill-ESMA.

2. L-ESMA għandha tikkondividi l-applikazzjoni minnufih mar-riċevituri kollha li ġejjin:

   (a) mill-inqas, l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 12;

   (b) l-EBA għal sistemi li joperaw ordnijiet ta' trasferiment stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punt (20)(a);

   (c) is-SEBĊ.

3. L-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz għandu jinkludi fl-applikazzjoni d-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa biex juri li huwa u s-sistema li jopera jissodisfaw il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 14, inkluża l-informazzjoni dwar il-membri ta' dik is-sistema li huma stabbiliti fl-Unjoni, diżaggregati skont l-Istat Membru.

4. Għandha tintbagħat konferma tal-wasla tal-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz fi żmien jumejn tax-xogħol minn meta tasal tali applikazzjoni. L-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni għandhom, fi żmien 20 jum tax-xogħol minn meta jirċievu l-applikazzjoni, jiddeterminaw jekk l-applikazzjoni fihiex id-dokumenti u l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3.

   Meta, matul il-perjodu applikabbli speċifikat fl-ewwel subparagrafu, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tikkonkludi li ma jkunux ġew sottomessi d-dokumenti jew l-informazzjoni kollha meħtieġa skont il-paragrafu 3, tali awtorità għandha titlob lill-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz jissottometti tali dokumenti jew informazzjoni addizzjonali. Meta l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz ikun naqas milli jikkonforma bis-sħiħ ma' kwalunkwe talba bħal din, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tista' tirrifjuta l-applikazzjoni.

5. Sa tmiem il-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafu 4, kull awtorità tar-reġistrazzjoni għandha tinnotifika lill-ESMA, lill-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz u lill-awtoritajiet elenkati fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b) u (c), jekk l-applikazzjoni hijiex aċċettata jew irrifjutata.

6. Wara li tkun innotifikat lill-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz li l-applikazzjoni hija aċċettata, kull awtorità tar-reġistrazzjoni li tkun aċċettat l-applikazzjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-konformità tal-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz u tas-sistema mal-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 14 fi żmien 80 jum tax-xogħol min-notifika stabbilita fil-paragrafu 5 ("il-perjodu ta' valutazzjoni").

7. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni, kwalunkwe awtorità tar-reġistrazzjoni tista' tissottometti mistoqsijiet lill-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz jew titlob informazzjoni komplementari mingħandu.

Meta l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz ma jkunx wieġeb għall-mistoqsijiet jew ipprovda l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza stabbilita minn awtorità tar-reġistrazzjoni rikjedenti, l-ESMA tista', fuq talba minn kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni li jkunu aċċettaw l-applikazzjoni, testendi l-perjodu ta' valutazzjoni rilevanti darba b'massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol b'kollox meta, fil-fehma tagħhom, kwalunkwe waħda mill-mistoqsijiet tkun materjali għall-valutazzjoni. L-ESMA għandha tinforma lill-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz dwar l-estensjoni pprovduta. Awtorità tar-reġistrazzjoni tista' tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fin-nuqqas ta' tweġiba tal-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz.

8. Matul il-perjodu ta' valutazzjoni, l-ESMA u s-SEBĊ għas-sistemi ta' saldu tat-titoli u s-sistemi ta' kklerjar, u l-EBA u s-SEBĊ għas-sistemi ta' pagament, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, inkluż l-organizzazzjoni ta' laqgħat *ad hoc*, sabiex jiżguraw approċċ konverġenti għad-deċiżjonijiet li jagħtu jew jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni ta' sistema ta' pajjiż terz mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni fl-Istat Membru rispettiv tagħhom.

9. Matul il-proċess ta' valutazzjoni, l-ESMA, l-EBA u s-SEBĊ għandhom jippromwovu l-iskambju u d-diskussjoni regolari fost l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, sabiex jiżguraw il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni fil-proċess ta' reġistrazzjoni ta' tali sistema ta' pajjiż terz u jipprovdu kontribut għall-proċess ta' valutazzjoni tal-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni.

10. Fil-perjodu ta' valutazzjoni, kull awtorità tar-reġistrazzjoni għandha tiddeċiedi jekk tagħtix jew tirrifjutax ir-reġistrazzjoni tas-sistema ta' pajjiż terz. Kull awtorità tar-reġistrazzjoni għandha tiddeċiedi li tagħti r-reġistrazzjoni biss meta tkun kompletament sodisfatta li l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz u s-sistema ta' pajjiż terz jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14.

11. Wara li tieħu deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 10, kull awtorità tar-reġistrazzjoni għandha tinforma, mingħajr dewmien żejjed, lill-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz, lill-ESMA u lill-awtoritajiet elenkati fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b) u (c), kif applikabbli, dwar id-deċiżjoni tagħha, inkluża spjegazzjoni kompletament motivata.

12. L-ESMA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa, għas-sistemi ta' saldu tal-ikklerjar u tat-titoli, abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta:

(a) f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li jintwera li l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz applikant u s-sistema ta' pajjiż terz jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14, u biex tiġi speċifikata l-informazzjoni li l-applikazzjoni għandu jkun fiha dwar il-membri tas-sistema ta' pajjiż terz stabbiliti fl-Unjoni;

(b) f'applikazzjoni għad-deżinjazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 4(1), bil-ħsieb li jintwera li l-operatur tas-sistema applikant u s-sistema jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.

Fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi regolatorji, l-ESMA u s-SEBĊ għandhom iqisu li l-informazzjoni mitluba għandha tkun proporzjonata u rilevanti għat-tip ta' sistema li tkun qed tfittex li tiġi rreġistrata jew iddeżinjata.

L-ESMA għandha tissottometti l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa *[OP daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

13. L-ESMA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika, għas-sistemi ta' saldu tat-titoli u għas-sistemi ta' kklerjar:

(a) il-formati elettroniċi uniformi għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, li għandhom jiġu sottomessi fil-bażi tad-data ċentrali;

(b) il-formati elettroniċi uniformi għall-applikazzjoni għad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1), li għandhom jiġu sottomessi fil-bażi tad-data ċentrali.

L-ESMA għandha tissottometti l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [*OP daħħal sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

14. L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa, għas-sistemi ta' pagament, abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta:

(a) f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 1 bil-ħsieb li jintwera li l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz applikant u s-sistema ta' pajjiż terz jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14, u biex tiġi speċifikata l-informazzjoni li l-applikazzjoni għandu jkun fiha dwar il-membri tas-sistema ta' pajjiż terz stabbiliti fl-Unjoni;

(b) f'applikazzjoni għad-deżinjazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 4(1), bil-ħsieb li jintwera li l-operatur tas-sistema applikant u s-sistema jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti kollha ta' dan ir-Regolament.

Fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi regolatorji, l-EBA u s-SEBĊ għandhom iqisu li l-informazzjoni mitluba għandha tkun proporzjonata u rilevanti għat-tip ta' sistema li tkun qed tfittex li tiġi rreġistrata jew iddeżinjata.

L-EBA għandha tissottometti l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [*OP daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

15. L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika, għas-sistemi ta' pagament:

(a) il-formati elettroniċi uniformi għall-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li għandhom jiġu sottomessi fil-bażi tad-data ċentrali;

(b) il-formati elettroniċi uniformi għall-applikazzjoni għad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1), li għandhom jiġu sottomessi fil-bażi tad-data ċentrali.

L-EBA għandha tissottometti l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sa [*OP daħħal id-data = sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 14*

***Kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni***

Awtorità tar-reġistrazzjoni tista' tirreġistra sistema ta' pajjiż terz fl-Istat Membru tagħha biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-sistema jkollha regoli komuni u proċeduri standardizzati għas-saldu, l-ikklerjar, jew l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti;

(b) is-sistema tkun awtorizzata jew issorveljata fil-pajjiż tal-istabbiliment tagħha jew fil-pajjiż li skont il-liġi tiegħu tkun regolata s-sistema ta' pajjiż terz;

(c) is-sistema tkun regolata minn liġi li tirrispetta l-prinċipji tal-finalità tas-saldu;

(d) is-sistema tidentifika b'mod ċar fir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tagħha l-mumenti kollha li ġejjin:

(i) il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment fis-sistema msemmija fl-Artikolu 18(1);

(ii) il-mument tal-irrevokabbiltà ta' ordni ta' trasferiment imdaħħla fis-sistema msemmija fl-Artikolu 20(1);

(iii) il-mument tas-saldu finali ta' ordni ta' trasferiment imdaħħla f'sistema msemmija fl-Artikolu 21(1).

(e) l-operatur tas-sistema jkun strutturat u ffinanzjat b'mod adegwat;

(f) is-sistema tikkonforma fl-aspetti materjali kollha mal-prinċipji globali tal-infrastrutturi tas-suq finanzjarju.

*Artikolu 15*

***Notifika tas-sistemi rreġistrati***

1. Wara li tieħu deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 13(10), kull awtorità tar-reġistrazzjoni għandha tinnotifika, simultanjament u mingħajr dewmien żejjed, lill-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz applikant, lill-ESMA, lill-EBA, lis-SEBĊ u lill-awtoritajiet tar-

reġistrazzjoni l-oħrajn, kif applikabbli, dwar id-deċiżjoni tagħha. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun effettiva mid-data tan-notifika.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni kollha li ġejja, mid-data tar-reġistrazzjoni:

(a) l-identifikazzjoni tas-sistema rreġistrata u tal-operatur tas-sistema tagħha;

(b) id-data tar-reġistrazzjoni tas-sistema rreġistrata;

(c) il-pajjiż li fih huwa stabbilit l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz;

(d) l-Istati Membri li fihom tkun ġiet irreġistrata s-sistema rreġistrata u kull waħda mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni li jkunu taw ir-reġistrazzjoni;

(e) jekk is-sistema hijiex sistema ta' saldu tat-titoli, sistema ta' kklerjar, jew sistema ta' pagament;

(f) il-liġi li tirregola s-sistema rreġistrata;

(g) il-mumenti tal-finalità tas-saldu tas-sistema rreġistrata;

(h) il-parteċipanti tal-Unjoni tas-sistema rreġistrata.

3. L-awtorità tar-reġistrazzjoni ta' sistema rreġistrata għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-ESMA u lill-awtoritajiet elenkati fl-Artikolu 13(2), il-punti (a), (b) u (c), kif applikabbli, dwar kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) kwalunkwe bidla sostantiva li taffettwa materjalment, jew li tista' taffettwa materjalment, il-konformità mal-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 14;

(b) kwalunkwe aġġornament għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2.

4. L-ESMA għandha tippubblika f'format standardizzat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u kwalunkwe aġġornament tagħha f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (b), fuq is-sit web tagħha, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol wara li tirċievi dik l-informazzjoni. L-ESMA għandha tispeċifika d-data meta jkunu saru l-aġġornamenti għall-informazzjoni fuq is-sit web tagħha u liema informazzjoni tkun ġiet aġġornata.

L-ESMA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tipprovdi informazzjoni aġġornata lill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, lill-EBA u lis-SEBĊ, kif applikabbli.

*Artikolu 16*

***Irtirar tar-reġistrazzjoni***

1. Awtorità tar-reġistrazzjoni għandha tirtira r-reġistrazzjoni ta' sistema rreġistrata meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz ikun kiseb ir-reġistrazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezz irregolari jew illegali ieħor;

(b) l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz jew is-sistema li jopera, kif applikabbli, ma jibqgħux konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14;

(c) l-operatur tas-sistema ta' pajjiż terz jew is-sistema li jopera, kif applikabbli, ikunu kisru serjament jew sistemikament il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 14.

2. Awtorità tar-reġistrazzjoni għandha tiddeċiedi biss li tirtira r-reġistrazzjoni ta' operatur tas-sistema ta' pajjiż terz wara li tkun infurmat lill-ESMA u pprovdiet lill-ESMA bl-informazzjoni rilevanti kollha sabiex l-ESMA tkun tista' taġġorna l-lista tagħha ta' sistemi rreġistrati fi Stat Membru. L-ESMA għandha tikkondividi din l-informazzjoni mal-EBA, mas-SEBĊ u ma' awtoritajiet tar-reġistrazzjoni oħrajn, kif applikabbli.

3. Meta waħda mill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, l-ESMA, l-EBA jew is-SEBĊ, kif applikabbli, tkun tal-fehma li l-irtirar tar-reġistrazzjoni jista' jikkawża riskji materjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni jew fi Stat Membru, hija għandha tinforma lill-awtorità tar-reġistrazzjoni rilevanti fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta tiġi infurmata dwar irtirar potenzjali ta' reġistrazzjoni skont il-paragrafu 2 u l-awtorità tar-reġistrazzjoni rilevanti għandha ssejjaħ laqgħa *ad hoc* mal-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni l-oħrajn, l-ESMA, l-EBA u s-SEBĊ, kif applikabbli, sabiex jikkooperaw dwar kif itaffu r-riskji identifikati qabel ma l-awtorità tar-reġistrazzjoni tirtira r-reġistrazzjoni.

Meta s-sistema rreġistrata tkun CCP iddeterminata mill-ESMA bħala CCP tal-Grad 2 skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-awtorità tar-reġistrazzjoni ma għandhiex tirtira r-reġistrazzjoni mingħajr il-kunsens tal-ESMA.

4. Meta l-awtorità tar-reġistrazzjoni tirtira r-reġistrazzjoni, hija għandha tinnotifika simultanjament lill-operatur tas-sistema, lill-ESMA, lill-EBA, lis-SEBĊ u lil awtoritajiet tar-reġistrazzjoni oħrajn, kif applikabbli, bid-deċiżjoni tagħha li tirtira r-reġistrazzjoni tas-sistema u l-ESMA għandha taġġorna s-sit web tagħha kif xieraq fil-jum indikat mill-awtorità tar-reġistrazzjoni fin-notifika tagħha.

5. L-irtirar tar-reġistrazzjoni ta' sistema għandu jkun effettiv mid-data tan-notifika msemmija fil-paragrafu 4.

## TITOLU IV

## NETTING U FINALITÀ TAS-SALDU

### *Artikolu 17*

### ***Netting u ordnijiet ta' trasferiment***

1. L-ordnijiet ta' trasferiment u n-netting, inkluż in-netting b'saldu antiċipat, għandhom ikunu legalment infurzabbli u vinkolanti fuq partijiet terzi, dment li l-ordnijiet ta' trasferiment ikunu ddaħħlu fis-sistema deżinjata jew fis-sistema rreġistrata maħtura qabel il-mument tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza kif imsemmi fl-Artikolu 22(1), anke fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) parteċipant fis-sistema deżinjata jew fis-sistema rreġistrata;

(b) parteċipant f'sistema interoperabbli ma' sistema deżinjata;

(c) l-operatur tas-sistema ta' sistema interoperabbli ma' sistema deżinjata, li ma huwiex parteċipant.

L-ordnijiet ta' trasferiment li jiddaħħlu f'sistema deżinjata jew sistema rreġistrata wara l-mument tal-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza u li jitwettqu fil-jum tan-negozju, kif stipulat fir-regoli komuni u fil-proċeduri standardizzati ta' tali sistema, li matulu jseħħ il-ftuħ ta' tali proċedimenti, għandhom ikunu legalment infurzabbli u

vinkolanti fuq partijiet terzi biss meta l-operatur tas-sistema jkun jista' juri li, fil-ħin li tali ordnijiet ta' trasferiment isiru irrevokabbli, huwa la kien konxju, u lanqas ma kellu jkun konxju, tal-ftuħ ta' tali proċedimenti.

2. L-ebda liġi, regolament, regola jew prattika dwar it-twarrib ta' kuntratti u tranżazzjonijiet konklużi qabel il-mument tal-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza, kif previst fl-Artikolu 22(1), ma għandhom iwasslu għat-tneħħija tan-netting, jew għad-diżapplikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar in-netting b'saldu antiċipat kif imsemmi fl-Artikolu 2(1), il-punt (n), tad-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

*Artikolu 18*

***Mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment f'sistema deżinjata***

1. Il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment f'sistema deżinjata għandu jiġi ddeterminat mir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati ta' dik is-sistema. Tali determinazzjoni għandha tqis ir-riċevuta u r-reġistrazzjoni tal-ordni ta' trasferiment mis-sistema.

2. Fil-każ ta' sistemi interoperabbli, kull sistema deżinjata għandha tiddetermina fir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tagħha stess il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment fis-sistema tagħha, filwaqt li tiżgura, sa fejn ikun possibbli, li r-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistemi interoperabbli kollha kkonċernati jkunu kkoordinati. Sakemm ma jkunx espressament previst mir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistemi kollha li huma parti mill-arranġament tal-interoperabbiltà, ir-regoli ta' sistema waħda dwar il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment ma għandhomx jiġu affettwati minn xi regoli tas-sistemi l-oħrajn li magħhom tkun interoperabbli.

*Artikolu 19*

***Użu ta' fondi u strumenti finanzjarji***

1. Il-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza kontra parteċipant jew operatur ta' sistema interoperabbli ma għandux jimpedixxi fondi jew strumenti finanzjarji disponibbli fil-kont tas-saldu jew f'kontijiet li jkollhom kollateral, inklużi kontribuzzjonijiet ta' fondi ta' inadempjenza bħal kontribuzzjonijiet għal fond ta' inadempjenza ffinanzjat minn qabel miżmum minn CCP f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 648/2012 u marġnijiet kif imsemmija fl-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 648/2012, fejn applikabbli, ta' dak il-parteċipant jew l-operatur tas-sistema milli jintużaw biex jissodisfaw l-obbligi ta' dak il-parteċipant fis-sistema deżinjata, jew fis-sistema rreġistrata fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-parteċipant, jew f'arranġament ta' interoperabbiltà fil-jum tan-negozju tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza.

2. Tali faċilità ta' kreditu ta' parteċipant konnessa mas-sistema deżinjata jew mas-sistema rreġistrata, kif applikabbli, għandha tkun tista' tintuża kontra sigurtà kollaterali eżistenti disponibbli biex tissodisfa l-obbligi ta' dak il-parteċipant fis-sistema deżinjata, jew fis-sistema rreġistrata fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-parteċipant, jew f'arranġament ta' interoperabbiltà.

*Artikolu 20*

***Mument tal-irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta' trasferiment***

1. Kull sistema deżinjata għandha tiddetermina l-mument speċifiku meta, fis-sistema tagħhom, parteċipant jew parti terza ma jkunux jistgħu jirrevokaw ordni ta' trasferiment. Tali determinazzjoni għandha tqis il-mument meta ordni ta' trasferiment li tkun daħlet fis-sistema tkun ġiet ikkonfermata mis-sistema u fejn l-ipproċessar tal-ordni ma jkunx jista' jitreġġa' lura.

2. Fil-każ ta' sistemi interoperabbli, kull sistema għandha tiddetermina fir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tagħha stess il-mument tal-irrevokabbiltà, filwaqt li tiżgura, sa fejn ikun possibbli, li r-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistemi interoperabbli kollha kkonċernati jkunu kkoordinati. Sakemm ma jkunx espressament previst mir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistemi kollha li huma parti minn arranġament ta' interoperabbiltà, ir-regoli ta' sistema waħda dwar il-mument tal-irrevokabbiltà ma għandhomx jiġu affettwati minn xi regoli tas-sistemi l-oħrajn li magħhom tkun interoperabbli.

*Artikolu 21*

***Saldu finali***

1. Is-saldu għandu jkun finali meta t-twettiq tal-obbligi tal-partijiet għal tranżazzjoni jitlesta b'mod inkundizzjonat u irrevokabbli kif determinat mir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati ta' kull sistema deżinjata, f'konformità mal-liġi applikabbli għat-trasferiment tas-sjieda u ta' drittijiet oħrajn. Sistema deżinjata li hija bbażata fuq id-DLT għandha timplimenta mekkaniżmi li jiggarantixxu mumenti ta' finalità deterministiċi u legalment infurzabbli.

2. Fil-każ ta' sistemi interoperabbli, kull sistema għandha tiddetermina fir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tagħha stess il-mument tas-saldu finali. Kull operatur tas-sistema għandu jiżgura, sa fejn ikun possibbli, li r-regoli tas-sistemi interoperabbli kollha kkonċernati jkunu kkoordinati. Sakemm ma jkunx espressament previst mir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati tas-sistemi kollha li huma parti minn arranġament ta' interoperabbiltà, ir-regoli komuni u l-proċeduri standardizzati ta' sistema waħda fil-mument tas-saldu finali ma għandhomx jiġu affettwati minn xi regoli komuni jew proċeduri standardizzati tas-sistemi l-oħrajn li magħhom tkun interoperabbli.

3. L-ESMA tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, għas-sistemi ta' saldu tal-ikklerjar u tat-titoli u mhux imħaddma minn CSD, u filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet ta' tipi differenti ta' sistemi u l-mod kif joperaw dawk is-sistemi, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika r-regoli għad-determinazzjoni ta' dawn kollha li ġejjin:

   (a) il-mument tad-dħul ta' ordnijiet ta' trasferiment f'sistema deżinjata, imsemmi fl-Artikolu 18(1);

   (b) għas-sistemi deżinjati bbażati fuq id-DLT, meta u kif iseħħ il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment fis-sistema, imsemmi fl-Artikolu 18(1), meta tranżazzjoni tiġi rreġistrata fil-ktieb skont ir-regoli ta' kunsens tas-sistema;

(c) il-mument, imsemmi fl-Artikolu 20(1), li fih ordni ta' trasferiment li tkun daħlet fis-sistema deżinjata ma tkunx tista' tiġi rrevokata;

(d) għal sistemi deżinjati bbażati fuq id-DLT, kif il-mument, imsemmi fl-Artikolu 20(1), li fih ordni ta' trasferiment li tkun daħlet fis-sistema ma tkunx tista' tiġi rrevokata minn parteċipant jew minn parti terza jikkoinċidi mal-punt li fih il-kunsens ikun finali u r-rekord ma jkunx jista' jitreġġa' lura skont il-protokoll tekniku ta' dik is-sistema;

(e) il-mument tas-saldu finali msemmi fil-paragrafu 1;

(f) għas-sistemi deżinjati bbażati fuq id-DLT, kif il-mument tas-saldu finali, imsemmi fil-paragrafu 1, jista' jiġi definit għal mudelli ta' finalità probabilistiċi jew b'diversi saffi, li jistgħu ma jissodisfawx iċ-ċertezza legali assoluta, iżda li xorta jkunu jistgħu jiksbu ċertezza legali skont l-istruttura u r-regoli tas-sistema.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. L-EBA tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mas-SEBĊ, u filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet ta' tipi differenti ta' sistemi ta' pagament u l-mod kif joperaw is-sistemi, tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika r-regoli għad-determinazzjoni ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) il-mument tad-dħul tal-ordnijiet ta' trasferiment f'sistema deżinjata msemmija fl-Artikolu 18(1);

(b) għas-sistemi deżinjati bbażati fuq id-DLT, meta u kif iseħħ il-mument tad-dħul ta' ordni ta' trasferiment fis-sistema, imsemmi fl-Artikolu 18(1), meta tranżazzjoni tiġi rreġistrata fil-ktieb skont ir-regoli ta' kunsens tas-sistema;

(c) il-mument, imsemmi fl-Artikolu 20(1), li fih ordni ta' trasferiment li tkun daħlet fis-sistema deżinjata ma tkunx tista' tiġi rrevokata;

(d) għas-sistemi deżinjati bbażati fuq id-DLT, meta u kif il-mument speċifiku li fih ordni ta' trasferiment li daħlet fis-sistema ma tistax tiġi rrevokata minn parteċipant jew minn parti terza jikkoinċidi mal-punt li fih il-kunsens ikun finali u r-rekord ma jkunx jista' jitreġġa' lura skont il-protokoll tekniku ta' dik is-sistema;

(e) il-mument tas-saldu finali msemmi fil-paragrafu 1;

(f) għas-sistemi deżinjati bbażati fuq id-DLT, kif il-mument tas-saldu finali, imsemmi fil-paragrafu 1, jista' jiġi definit għal mudelli ta' finalità probabilistiċi jew b'diversi saffi, li jistgħu ma jissodisfawx iċ-ċertezza legali assoluta, iżda li xorta jkunu jistgħu jiksbu ċertezza legali skont l-istruttura u r-regoli tas-sistema.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli minn 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PROĊEDIMENTI TA' INSOLVENZA

*Artikolu 22*

***Mument tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza***

1. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-mument tal-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza għandu jkun il-mument meta l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kkonċernata tkun għaddiet id-deċiżjoni tagħha.

2. Meta tkun ittieħdet deċiżjoni f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kkonċernata għandha tinnotifika minnufih dik id-deċiżjoni lil awtorità kompetenti responsabbli biex tiġbor dik l-informazzjoni, maħtura skont l-Artikolu 10(1). Din l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika minnufih b'dan, permezz tal-bażi tad-data ċentrali, lill-ESMA, lill-EBA, lis-SEBĊ, lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u lil Stati Membri oħrajn.

*Artikolu 23*

***Ebda effett retroattiv***

Il-proċedimenti ta' insolvenza ma għandux ikollhom effetti retroattivi fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' parteċipant li jirriżultaw minn, jew b'konnessjoni ma', il-parteċipazzjoni tiegħu f'sistema deżinjata, jew f'sistema rreġistrata għall-parteċipanti tagħha stabbiliti fl-Istati Membri fejn tkun irreġistrata s-sistema ta' pajjiż terz, qabel il-ftuħ ta' tali proċedimenti skont l-Artikolu 22(1). Tali proċedimenti ma għandux ikollhom effett retroattiv fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' parteċipant f'sistema interoperabbli, jew fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' operatur ta' sistema interoperabbli meta tali operatur tas-sistema ma jkunx parteċipant.

*Artikolu 24*

***Liġi li tirregola d-drittijiet u l-obbligi tal-parteċipanti***

Fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza li jinfetħu kontra parteċipant f'sistema, id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn, jew b'konnessjoni ma', il-parteċipazzjoni ta' dak il-parteċipant għandhom jiġu ddeterminati mil-liġi li tirregola dik is-sistema.

TITOLU VI

IŻOLAMENT TAD-DRITTIJIET TAD-DETENTURI TA' SIGURTÀ KOLLATERALI MILL-EFFETTI TAL-INSOLVENZA TAL-FORNITUR

*Artikolu 25*

***Sigurtà kollaterali***

1. Id-drittijiet ta' operatur ta' sistema jew ta' parteċipant għas-sigurtà kollaterali pprovduta lilhom b'konnessjoni ma' sistema deżinjata, sistema rreġistrata għall-parteċipanti tagħha stabbiliti fl-Istati Membri fejn is-sistema tkun irreġistrata, jew arranġament ta' interoperabbiltà, u d-drittijiet tal-banek ċentrali tal-Istati Membri jew tal-Bank Ċentrali Ewropew għas-sigurtà kollaterali pprovduta lilhom, ma

għandhomx jiġu affettwati minn proċedimenti ta' insolvenza kontra kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-parteċipant fis-sistema deżinjata jew irreġistrata kkonċernata jew f'arranġament ta' interoperabbiltà;

(b) l-operatur ta' sistema interoperabbli li ma huwiex parteċipant;

(c) kontroparti għall-bank ċentrali ta' Stat Membru;

(d) kontroparti għall-Bank Ċentrali Ewropew;

(e) kwalunkwe parti terza li pprovdiet is-sigurtà kollaterali.

Tali sigurtà kollaterali tista' tiġi realizzata għas-sodisfazzjon ta' dawk id-drittijiet.

Id-drittijiet ta' operatur ta' sistema għas-sigurtà kollaterali li huwa pprovda lil operatur ta' sistema ieħor b'konnessjoni ma' arranġament ta' interoperabbiltà ma għandhomx jiġu affettwati minn proċedimenti ta' insolvenza kontra l-operatur tas-sistema riċeventi.

2. Id-drittijiet tal-parteċipanti, tal-operaturi tas-sistemi, ta' bank ċentrali ta' Stat Membru, tal-Bank Ċentrali Ewropew u ta' kwalunkwe persuna nominata, aġent jew parti terza li taġixxi f'isimhom fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji, inklużi d-drittijiet f'dawk l-istrumenti finanzjarji, li huma pprovduti bħala sigurtà kollaterali li hija legalment irreġistrata f'reġistru, inkluż meta tkun irreġistrata fuq reġistru distribwit, kont jew sistema ċentralizzata ta' depożitu li tinsab fi Stat Membru, għandhom ikunu rregolati mil-liġi ta' dak l-Istat Membru.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-post ta' reġistru, kont jew depożitu ċentralizzat miżmum f'entità ġuridika għandu jkun l-Istat Membru fejn dik l-entità jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha.

3. Meta ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat il-post ta' reġistru, kont jew sistema ċentralizzata ta' depożitu f'konformità mal-paragrafu 2, id-determinazzjoni tad-drittijiet tal-parteċipanti, tal-operaturi tas-sistemi, tal-banek ċentrali ta' Stat Membru jew tal-Bank Ċentrali Ewropew, u tad-drittijiet ta' kwalunkwe persuna nominata, aġent jew parti terza li taġixxi f'isimhom, fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji pprovduti bħala sigurtà kollaterali, għandha tkun irregolata mil-liġi li tirregola s-sistema jew l-arranġament ta' interoperabbiltà msemmi fil-paragrafu 1.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, ir-referenza għal-liġi ta' Stat Membru hija referenza għal-liġi domestika tiegħu, mingħajr ma titqies kwalunkwe regola li taħtha, meta tiġi deċiża l-kwistjoni rilevanti, issir referenza għal-liġi ta' pajjiż ieħor.

## TITOLU VII

## BAŻI TAD-DATA ĊENTRALI U EŻERĊITAR TAD-DELEGA

*Artikolu 26*

### ***Bażi tad-data ċentrali***

1. L-ESMA għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data ċentrali f'konformità mal-Artikolu 35c tar-Regolament (UE) 1095/2010. Separatament għal kull sistema kkonċernata, l-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni, l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 22(2), l-ESMA, l-EBA u s-SEBĊ ("riċevituri rreġistrati"), għandu jkollhom aċċess

għall-informazzjoni u d-dokumenti kollha msemmija fil-paragrafu 3, irreġistrati fil-bażi tad-data għal dik is-sistema u fejn rilevanti jew neċessarju għall-qadi ta' dmirijiethom.

2. Operatur ta' sistema għandu jkollu aċċess għall-bażi tad-data ċentrali fir-rigward tal-informazzjoni u d-dokumenti li jkun issottometta lil dik il-bażi tad-data ċentrali jew id-dokumenti trażmessi lilu permezz ta' dik il-bażi tad-data ċentrali minn kwalunkwe wieħed mir-riċevituri rreġistrati.

Riċevituri oħrajn għandhom ukoll jissottomettu u jkollhom aċċess għal ċerti dokumenti speċifiċi jew informazzjoni speċifika, fejn speċifikat skont dan ir-Regolament, li huma rreġistrati fil-bażi tad-data ċentrali. L-ESMA għandha tiżgura li l-bażi tad-data ċentrali twettaq il-funzjonijiet skont dan l-Artikolu.

3. L-operaturi tas-sistemi, inkluż għal sistemi deżinjati u rreġistrati, kif ukoll ir-riċevituri rreġistrati, għandhom itellgħu fil-bażi tad-data ċentrali, f'format elettroniku, l-informazzjoni u d-dokumenti kollha, inklużi applikazzjonijiet, deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, talbiet, informazzjoni, mistoqsijiet, tweġibiet u notifiki, imsemmija f'dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Għandha tintbagħat konferma tal-wasla permezz tal-bażi tad-data ċentrali fi żmien jumejn tax-xogħol mis-sottomissjoni tal-informazzjoni jew tad-dokumenti.

4. L-ESMA għandha tiżgura li l-bażi tad-data tippermetti d-data rreġistrata tad-DLT, inkluż il-qari tad-data fil-katina u l-aċċess għal tali data.

5. L-ESMA għandha tfassal il-bażi tad-data ċentrali biex tinforma b'mod awtomatiku lir-riċevituri rreġistrati meta jkunu saru bidliet fil-kontenut tagħha, inklużi l-applowdjar, it-tħassir jew is-sostituzzjoni ta' dokumenti u s-sottomissjoni ta' mistoqsijiet jew talbiet għal informazzjoni.

6. L-ESMA għandha tagħmel disponibbli l-informazzjoni kondiviża permezz tal-bażi tad-data ċentrali skont dan ir-Regolament lill-awtoritajiet rilevanti għall-fini tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, fejn rilevanti jew neċessarju għall-qadi ta' dmirijiethom.

*Artikolu 27*

***Eżerċizzju tad-delega***

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 2(2) għal perjodu ta' żmien indeterminat minn *[OP daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonsulta mal-ESMA u mal-EBA u għandha tikkonsulta mal-esperti maħtura minn

kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perjodu ta' 3 xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## TITOLU VII

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 28*

### ***Dispożizzjonijiet tranżizzjonali***

1. B'deroga mill-Artikolu 3, sistema deżinjata skont id-Direttiva 98/26/KE qabel [*OP daħħal id-data = id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]* għandha tkompli tiġi ddeżinjata għall-finijiet ta' dan ir-Regolament sakemm tiġi ddeżinjata mill-ġdid skont dak l-Artikolu jew sa [*OP daħħal id-data= 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], skont liema data tiġi l-ewwel. Sadanittant, il-liġi tal-Istat Membru dwar id-deżinjazzjoni ta' sistema għandha tkompli tapplika.

2. B'deroga mill-Artikolu 12, sistema ta' pajjiż terz li għaliha Stat Membru jkun estenda l-protezzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva 98/26/KE qabel [*OP daħħal id-data = id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] għandha titqies bħala rreġistrata f'dak l-Istat Membru għall-finijiet ta' dan ir-Regolament sakemm tiġi rreġistrata f'konformità ma' dak l-Artikolu f'dak l-istess Stat Membru jew sa [*OP daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], skont liema data tiġi l-ewwel.

3. Ordni ta' trasferiment li tidħol f'sistema qabel [*OP daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], iżda li tiġi saldata wara għandha titqies bħala ordni ta' trasferiment għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

4. Sakemm il-bażi tad-data ċentrali tkun ġiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 26, l-iskambju ta' informazzjoni u dokumenti, kif ukoll is-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet, deċiżjonijiet, rakkomandazzjonijiet, talbiet, informazzjoni, mistoqsijiet, tweġibiet, u kwalunkwe notifika, li jeħtieġ li jiġu pprovduti bl-użu tal-bażi tad-data ċentrali, għandhom jitwettqu permezz tal-użu ta' arranġamenti alternattivi.

*Artikolu 29*

### ***Rieżami***

1. Sa [*OP daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tħejji rapport ġenerali. Il-Kummissjoni għandha tissottometti dak ir-

rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa.

2. Sa [*OP daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u mas-SEBĊ, għandha tissottometti rapport lill-Kummissjoni dwar il-funzjonament tar-reġim tal-finalità tas-saldu stabbilit f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 30*

***Tħassir***

1. Id-Direttiva 98/26/KE titħassar b'effett minn [*OP daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva 98/26/KE għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 31*

***Emendi għad-Direttiva 2002/47/KE***

Id-Direttiva 2002/47/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(4), jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin fil-punt (a):

"Għall-fini ta' din id-Direttiva, ir-referenzi għal flus kontanti, strumenti finanzjarji u talbiet ta' kreditu għandhom jinkludu każijiet fejn jinħarġu jew jiġu rreġistrati bl-użu tad-DLT.

L-Istati Membri jistgħu jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji li għandhom ikunu koperti minn din id-Direttiva biex jinkludu l-istrumenti msemmija bħala "strument finanzjarju" fl-Artikolu 4(1), il-punt (15), tad-Direttiva 2014/65/UE fejn dawn ikunu negozjabbli fis-suq kapitali.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(p) "kont" tfisser kont kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (26), tar-[Regolament (UE) …/… dwar il-finalità tas-saldu]";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Kwalunkwe referenza għal "kont", "reġistrazzjoni" jew "reġistru" għandha tinftiehem li tinkludi kwalunkwe forma ta' rekord elettroniku, inkluż dak ibbażat fuq id-DLT, li jissodisfa l-istess funzjoni. Barra minn hekk, kwalunkwe struzzjoni jew notifika għandha tippermetti l-użu ta' kjavi kriptografika jew ta' apparat jew metodu ieħor biex tiġi ffirmata b'mod elettroniku tali struzzjoni jew notifika.".

(3) fl-Artikolu 11, is-subparagrafu li ġej jiżdied wara l-ewwel subparagrafu:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1(4), il-punt (a), l-ewwel u t-tieni subparagrafi, mal-Artikolu 2(1), il-punt (p), u mal-Artikolu 2(4) sa mhux aktar tard minn *[OP daħħal*

*id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.".

*Artikolu 32*

***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew* *Għall-Kunsill*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA


1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 3
1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva ..... 3
1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) ..... 3
1.3. Objettiv(i) ..... 3
1.3.1. Objettiv(i) ġenerali ..... 3
1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..... 3
1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija ..... 3
1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni ..... 3
1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': ..... 4
1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva ..... 4
1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva ..... 4
1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom. ..... 4
1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi ..... 4
1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra ..... 5
1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni ..... 5
1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha ..... 6
1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i) ..... 6
2. MIŻURI TA' ĠESTJONI ..... 8
2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar ..... 8
2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll ..... 8
2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta ..... 8
2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom ..... 8
2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq) ..... 8
2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet ..... 9
3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA ..... 10

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i ........ 10
3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet ........ 12
3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 12
3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 12
3.2.1.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ........ 17
3.2.2. Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali ........ 22
3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi ........ 24
3.2.3.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat ........ 24
3.2.3.2. Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern ........ 24
3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet ........ 24
3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani ........ 25
3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat ........ 25
3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern ........ 26
3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani ........ 26
3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali28
3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali ........ 28
3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi ........ 28
3.3. Impatt stmat fuq id-dħul ........ 29
4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI ........ 29
4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali ........ 30
4.2. Data ........ 30
4.3. Soluzzjonijiet diġitali ........ 31
4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà ........ 31
4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali ........ 32

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament (UE) 2025/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finalità tas-saldu u li jħassar id-Direttiva 98/26/KE u li jemenda d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Suq intern – servizzi finanzjarji

### 1.3. Objettiv(i)

*1.3.1. Objettiv(i) ġenerali*

L-inizjattiva hija parti mill-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti li għandha l-għan li trawwem suq kapitali integrat u mingħajr xkiel mal-UE billi ssaħħaħ il-qafas

| |
|---|
| superviżorju, tindirizza l-frammentazzjoni regolatorja u tiżgura integrazzjoni u approfondiment aħjar tas-swieq kapitali mal-Unjoni kollha biex jitwettaq il-potenzjal sħiħ tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti. L-objettiv huwa li jitneħħew l-ostakli għall-attività transfruntiera. |

*1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

| |
|---|
| Objettiv speċifiku Nru 1 – armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-finalità tas-saldu<br>Sabiex tinkiseb armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-finalità tas-saldu, kif ukoll titnaqqas l-inċertezza legali relatata mat-traspożizzjoni diverġenti fl-Istati Membri, id-Direttiva kurrenti dwar il-Finalità tas-Saldu tinbidel f'Regolament.<br>Objettiv speċifiku Nru 2 - l-immodernizzar tad-dispożizzjonijiet dwar il-finalità tas-saldu biex jiġu rikonoxxuti teknoloġiji ġodda u żviluppi finanzjarji<br>L-emendi proposti għandhom l-għan li jiżguraw li tinżamm in-newtralità teknoloġika tal-leġiżlazzjoni dwar il-finalità tas-saldu billi jiċċaraw fejn meħtieġ biex jilqgħu għall-użu ta' teknoloġiji u żviluppi finanzjarji ġodda. |

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Armonizzazzjoni msaħħa<br>Ċertezza legali msaħħa, fost l-oħrajn fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji ġodda<br>Tnaqqis fl-ostakli transfruntieri tas-suq |

*1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

| |
|---|
| Sett ta' indikaturi ewlenin – objettiv speċifiku Nru 1<br>Parteċipazzjoni transfruntiera msaħħa fis-sistemi deżinjati tar-RFS, imkejla minn għadd ta' parteċipanti tal-UE f'sistema li ma hijiex regolata mil-liġi ta' Stat Membru fejn il-parteċipant għandu l-kwartieri ġenerali tiegħu. Xi jrid jitqabbel: L-għadd ta' parteċipanti tal-UE li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fi Stat Membru ieħor li ma tkunx il-liġi tiegħu li qed tirregola s-sistema fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tar-RFS mal-għadd kif ikun 5 snin wara li tkun daħlet fis-seħħ id-deżinjazzjoni obbligatorja skont r-RFS.<br>Sett ta' indikaturi ewlenin – objettiv speċifiku Nru 2<br>L-għadd ta' sistemi deżinjati skont ir-RFS li jużaw teknoloġiji ġodda (bħad-DLT) 5 snin wara li tkun daħlet fis-seħħ id-deżinjazzjoni obbligatorja skont ir-RFS. |

**1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja[40]

**☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

[40] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Is-sistemi kollha li huma meħtieġa jew li jixtiequ jiġu ddeżinjati skont il-leġiżlazzjoni dwar il-finalità tas-saldu fl-UE, jeħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti armonizzati stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-Finalità tas-Saldu. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-UE, kif ukoll l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u s-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) huma meħtieġa jimplimentaw u jipprovdu gwida dwar l-eżami ta' oqsma differenti relatati mal-proċess ta' deżinjazzjoni tas-sistemi.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsima, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Ir-raġunijiet għal azzjoni fil-livell tal-UE (*ex ante*) Hemm dimensjoni konvinċenti tal-UE minħabba li s-soluzzjonijiet nazzjonali ma jistgħux jindirizzaw b'mod adegwat in-natura transfruntiera u frammentata u d-diverġenzi regolatorji tas-swieq kapitali tal-UE. L-UE teħtieġ l-iskala biex tikkompeti globalment u tiffinanzja l-ħtiġijiet tagħna u tali skala tista' tinkiseb biss fil-livell tal-UE. L-azzjonijiet fil-livell tal-UE huma fl-aħjar pożizzjoni biex ineħħu l-ostakli regolatorji transfruntieri, jiżguraw kundizzjonijiet ekwi mal-UE kollha, jikkatalizzaw l-integrazzjoni tas-suq, isaħħu l-iskala, l-effiċjenza u l-kompetittività tas-suq u jipprovdu qafas regolatorju unifikat li l-azzjonijiet nazzjonali ma jistgħux jiksbu individwalment. L-inizjattiva se tkun ibbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din id-dispożizzjoni hija l-bażi legali tal-atti legali li għandhom jiġu emendati b'din il-proposta.

Valur miżjud tal-UE ġġenerat mistenni (*ex post*) Armonizzazzjoni msaħħa mal-UE kollha u, b'hekk, frammentazzjoni tas-suq imnaqqsa, kif ukoll tnaqqis fl-ostakli transfruntieri tas-suq. Ċertezza legali akbar, fost l-oħrajn fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji ġodda.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-użu ta' Direttiva bħala strument biex tiġi pprovduta finalità tas-saldu fil-passat wera li l-implimentazzjoni diverġenti fl-Istati Membri wasslet għal suq frammentat li joħloq ostakli transfruntieri. Għalhekk, it-trasformazzjoni tad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu f'Regolament tidher li hija l-istrument it-tajjeb biex tiġi żgurata armonizzazzjoni akbar u, b'konsegwenza ta' hekk, jitnaqqsu l-ostakli transfruntieri.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta hija kompatibbli mal-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għal qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2028-34, speċifikament fir-rigward tal-baġit ta' aġenziji individwali. Għalhekk, iċ-ċifri huma indikattivi sakemm il-QFP jiġi adottat b'mod finali.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

| |
|---|
| Huma meħtieġa riżorsi addizzjonali għall-aġenziji biex jaħdmu fuq il-mandati tar-RFS, kif ukoll biex jassistu fl-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti tar-rekwiżiti tar-RFS mal-Istati Membri. Sabiex tiġi żgurata konsistenza akbar fir-rigward tad-deżinjazzjoni tas-sistemi tal-UE kif ukoll tar-reġistrazzjoni ta' sistemi ta' pajjiżi terzi, l-ESMA u l-EBA huma b'mod partikolari mistennija li jassistu lill-Istati Membri fil-valutazzjonijiet tagħhom ta' i) sistemi li japplikaw għad-deżinjazzjoni tar-RFS u ii) sistemi ta' pajjiżi terzi li japplikaw għar-reġistrazzjoni, biex jiżguraw approċċ konverġenti. Dawn huma kompiti rikorrenti li jeħtieġu għarfien espert fil-qasam tal-liġi dwar l-insolvenza, kif ukoll fir-rigward tal-infrastrutturi tas-suq finanzjarju.<br><br>L-għażla tat-tariffi hija prattikament imprattikabbli minħabba li ma setgħux jiġu imposti tariffi fuq l-operaturi tas-sistemi billi x-xogħol ta' deżinjazzjoni jsir mill-Istati Membri, filwaqt li l-ESMA u l-EBA għandhom ir-rwoli li jiżguraw il-konverġenza u jipprovdu gwida, fejn meħtieġa. Barra minn hekk, tali approċċ ikun ukoll diffiċli biex jiġi ġġustifikat, minħabba li l-miżuri kkunsidrati ma humiex direttament marbuta mas-setgħat superviżorji, iżda huma parti mill-iżvilupp tal-qafas regolatorju. |

| |
|---|
| Il-kamp ta' applikazzjoni għar-riallokazzjoni ġie vvalutat. Ir-riżorsi addizzjonali previsti jkopru biss parzjalment il-ħtieġa li, matul il-fażi inizjali għall-ħidma meħtieġa skont ir-RFS, l-ESMA u l-EBA jiżviluppaw serje ta' Atti Delegati, kif ukoll li l-ESMA tistabbilixxi u tmexxi l-bażi tad-data ċentrali kif meħtieġ skont l-Artikolu 26 tar-RFS. Billi din il-bażi tad-data ċentrali hija stabbilita taħt mandat preċedenti, jiġifieri r-Regolament (UE) 2024/2987 ("EMIR 3"), il-kostijiet assoċjati mal-istabbiliment u l-manutenzjoni kontinwa tal-bażi tad-data ċentrali skont ir-RFS jirriflettu biss iż-żieda relattiva f'dawk il-kostijiet sabiex il-bażi tad-data ċentrali tiġi implimentata kif meħtieġ skont ir-RFS. Dawn il-kostijiet huma inkorporati fiċ-ċifri pprovduti fid-dokument tar-Regolament Prinċipali relatat mal-"Bażi tad-Data Ċentrali tal-ESMA u l-pjattaforma superviżorja għas-CCPs, għas-CSDs u għat-TVs" (ara t-Taqsima 4.3 tar-Regolament Prinċipali, kif ukoll il-Partijiet D u E tat-taqsima dwar Suppożizzjonijiet Speċifiċi fl-Anness ta' dak ir-Regolament) u għalhekk ma humiex ippreżentati separatament hawnhekk. Ladarba dawn ikunu ġew implimentati, il-kompiti rikorrenti ġodda li jirriżultaw kemm fl-ESMA kif ukoll fl-EBA se jeħtieġu FTE (Full-Time Equivalent) wieħed f'kull aġenzija, b'mod partikolari biex ikopri x-xogħol ta' assistenza lill-Istati Membri rigward deżinjazzjonijiet ġodda u deżinjazzjonijiet mill-ġdid kif ukoll reġistrazzjonijiet. |

**1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha**

**☐ durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

**☒ durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu fl-2028

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta’ implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[41]

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☒ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta’ implimentazzjoni tal-baġit:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)

– ☐ lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Fond Ewropew tal-Investiment

– ☒ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju

– ☐ lill-korpi tad-dritt pubbliku

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat b’missjoni ta’ servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta’ Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta’ sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti

– ☐·lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, regolati mid-dritt privat ta’ Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f’konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta’ fondi tal-Unjoni jew ta’ garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b’missjoni ta’ servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b’garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta’ responsabbiltà in solidum mill-korpi kontrollanti jew b’garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

Kummenti

# 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

## 2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rapportar

| |
|---|
| Bħala aġenziji deċentralizzati, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) jikkonformaw bis-sħiħ mar-rekwiżiti legali u operazzjonali tal-liġijiet tal-Unjoni f’termini ta’ regoli ta’ monitoraġġ u rapportar.<br><br>F’konformità mal-arranġamenti li diġà jeżistu, l-ASE jħejju rapporti regolari dwar l-attività tagħhom (inklużi r-rapportar intern lill-Maniġment Superjuri, ir-rapportar lill- |

[41] Id-dettalji tal-metodi ta’ implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx.

Bordijiet u l-produzzjoni tar-rapport annwali) u jkunu suġġetti għal awditi mill-Qorti tal-Awdituri u mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni dwar l-użu tar-riżorsi u l-prestazzjoni tagħhom.

Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-azzjonijiet inklużi fil-proposta se jkunu koperti u jikkonformaw mar-rekwiżiti diġà eżistenti, kif ukoll ma' kwalunkwe rekwiżit ġdid li jirriżulta minn din il-proposta.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-Aġenziji Superviżorji Ewropej għas-servizzi finanzjarji (l-EBA, l-EIOPA - European Insurance and Occupational Pensions Authority, l-ESMA), huma aġenziji regolatorji deċentralizzati skont l-Artikolu 70 tar-Regolament Finanzjarju.

Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-ESMA u tal-EBA huma previsti fil-Kapitolu VI tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u Nru 1093/2010 li jistabbilixxuhom, flimkien mar-Regolament finanzjarju qafas applikabbli (UE) 2019/715 kif approvat minn kull Awtorità.

F'konformità mal-Artikolu 30 tar-Regolamenti Finanzjarji rispettivi tagħhom, l-Awtoritajiet iridu jiżguraw li jiġu ssodisfati l-istandards xierqa fl-oqsma kollha tal-qafas ta' kontroll intern li jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-aħjar prattiki internazzjonali u fuq il-Qafas ta' Kontroll Intern stabbilit mill-Kummissjoni għad-dipartimenti tagħha stess.

F'konformità mal-Artikolu 70.5 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Finanzjarju), l-Awditur Intern tal-Kummissjoni huwa wkoll l-Awditur Intern tal-ESMA u tal-EBA. B'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 78.3 tar-Regolamenti Finanzjarji taż-żewġ aġenziji, l-Awditur Intern tal-Kummissjoni (jiġifieri s-Servizz tal-Awditjar Intern) huwa responsabbli għal:

(a) il-valutazzjoni tal-idoneità u l-effettività tas-sistemi interni ta' ġestjoni u l-prestazzjoni tad-dipartimenti fil-programmi u l-azzjonijiet implimentattivi b'referenza għar-riskji marbuta magħhom;

(b) il-valutazzjoni tal-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi ta' kontroll u ta' awditjar intern applikabbli għal kull operazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-korp tal-Unjoni.

Dawn ir-responsabbiltajiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern se jestendu wkoll għall-kompiti ġodda li għandhom jiġu implimentati mill-ESMA u mill-EBA kif stabbilit mil-leġiżlazzjoni proposta.

Minbarra l-ħidma tas-Servizz tal-Awditjar Intern, l-ESMA u l-EBA huma t-tnejn soġġetti għal awditu estern, inkluż mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li, f'konformità mal-Artikolu 104 tar-Regolamenti Finanzjarji tal-ESMA, għandha kull sena tħejji rapporti annwali speċifiċi dwar l-ESMA f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 287(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| B'rabta mal-użu legali, ekonomiku, effiċjenti u effettiv tal-approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fil-kuntest ta' din il-proposta mill-ESMA u mill-EBA, din l-inizjattiva ma ġġibx magħha riskji sinifikanti ġodda li ma jkunux koperti minn qafas ta' kontroll intern eżistenti. |

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

| |
|---|
| Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll huma pprovduti fir-Regolament (UE) 1095/2010 u 1093/2010 li jirregolaw il-funzjonament tal-ESMA u tal-EBA, rispettivament. Dawn jitqiesu li huma kosteffettivi. L-inizjattiva mhux se jkollha effett sinifikanti fuq il-kostijiet li għandhom jiġu appoġġati mill-Istati Membri, mill-ESMA jew mill-EBA minn dak l-angolu. L-impatti fuq ir-riskji tar-rati ta' żbalji huma mistennija li jkunu baxxi ħafna.<br><br>Storikament, il-kostijiet tad-DĠ FISMA għas-superviżjoni ġenerali ta' Awtorità bħall-ESMA jew l-EBA kienu stmati għal 0,5 % tal-kontribuzzjonijiet annwali mħallsin lilhom. Dawn il-kostijiet jinkludu, pereżempju, iżda mhux esklussivament, il-kostijiet relatati mal-valutazzjoni tal-ipprogrammar u tal-baġit annwali, il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tad-DĠ FISMA fil-Bordijiet Maniġerjali, il-Bordijiet tas-Superviżuri u l-ħidma preparatorja relatata. |

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

| |
|---|
| Għall-fini tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) japplikaw għall-ASE mingħajr ebda restrizzjoni. L-ASE għandhom strateġija ddedikata kontra l-frodi u pjan ta' azzjoni li jirriżulta minnha. L-azzjonijiet tal-ASE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi se jkunu konformi mar-Regolament Finanzjarju, mal-politiki tal-OLAF għall-prevenzjoni tal-frodi, mad-dispożizzjonijiet ipprovduti mill-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (COM(2019)196), kif ukoll mal-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE (Lulju 2012) u l-pjan direzzjonali relatat. Barra minn hekk, ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-ASE, kif ukoll ir-Regolamenti Finanzjarji tal-ASE jistipulaw id-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġits tal-ASE u r-regoli finanzjarji applikabbli, inklużi dawk immirati lejn il-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet. |

# 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni |
|---|---|---|---|

| finanzjarju pluriennali | Numru | Diff./Mhux diff[42]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[43] | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali[44] | Minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | 03 10 02 00: L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) | Diff. | LE | LE | LE | LE |
| 2 | 03 10 04 00: L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | M/A | | | | | |

[42] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[43] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[44] Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

#### *3.2.1.1. Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Numru | - |
|---|---|---|

| DĠ: FISMA | | | Sena 2028 | Sena 2029 | Sena 2030 | Sena 2031 | Sena 2032 | Sena 2033 | Sena 2034 | TOTAL QFP 2028-2034 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | Impenji | (1a) | | | | | | | | 0 |
| | Pagamenti | (2a) | | | | | | | | 0 |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | | | | 0 |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | | | | 0 |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[45] | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | | 0 |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | =1a+1b+3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |

45 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| għad-DĠ FISMA | Pagamenti | =2a+2b+3 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Aġenzija: l-Awtorità Bankarja Ewropea | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** | **TOTAL QFP 2028-2034** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Linja baġitarja: 03 10 02 002 / Kontribuzzjoni tal-Baġit tal-UE lill-aġenzija | **0,046** | **0,047** | **0,048** | **0,049** | **0,051** | **0,051** | **0,052** | **0,344** |

| Aġenzija: l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq | Sena **2028** | Sena **2029** | Sena **2030** | Sena **2031** | Sena **2032** | Sena **2033** | Sena **2034** | **TOTAL QFP 2028-2034** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Linja baġitarja: 03 10 04 00 / Kontribuzzjoni tal-Baġit tal-UE lill-aġenzija | **0,058** | **0,059** | **0,060** | **0,062** | **0,063** | **0,064** | **0,066** | **0,432** |

**Deskrizzjoni tar-riżorsi addizzjonali:**

